# <u>TALB MARJAN</u>

TALB LIL OMMNA MARIJA (mis-Sit *Laikos.org*)


1. Is-Sliema u l-Qaddisa (Ave Maria)
2. Is-Sliem għalik, Sultana (Salve Regina)
3. Is-Salve Regina bil-Latin
4. Il-misteri tar-Rużarju tal-Verġni mqaddsa Marija
5. Angelus u Regina Coeli (fi żmien l-Għid)
6. Magnificat
7. Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella
8. Talba lill-Verġni Mqaddsa Marija (1)
9. Talba lill-Verġni mqaddsa Marija (2)
10. Talba lill-Verġni mqaddsa Marija (3)
11. Talba lill-Verġni mqaddsa Marija (4)
12. Talba lill-Verġni mqaddsa Marija (5)
13. Invokazzjonijiet lill-Verġni Mqaddsa Marija
14. Ftakar, ja l-iżjed ħanina
15. Insejjaħ lilek, Marija
16. Konsagrazzjoni lill-Verġni Mqaddsa Marija
17. Taħt il-ħarsien tiegħek – Sub tuum praesidium
18. Libsa ta' ġieħ lil Marija – Vestis honoris
19. Sliem, bint il-Missier – Salve, filia Patris
20. Tislima lill-Verġni Mbierka
21. Antiphona B.V.M. Immacolata Conceptio
22. Fis-Salib il-fidwa tiegħi


TALB ANTIK LILL-MADONNA (ġabra ta' Tarcisio Zarb)


23. Omm qaddisa tal-kbir Alla
24. Talba lill-Madonna taċ-Ċintura
25. Warda t'Alla
26. Tislima lill-Madonna
27. Tliet Avemarijiet lill-Madonna
28. Sliem għalik Marija
29. Lill-Madonna fl-Ave Marija (Angelus)
30. It-Tħabbira ta' Marija
31. O Madonna hawn quddiemek

**TALB LIL MARIJA GĦALL-BŻONNIJIET TAS-SAĊERDOTI**


**32. Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija**
**33. Lil Ommna Marija taħt is-Salib**
**34. Talba lis-Sinjura tagħna tas-Santissmu Sagrament**
**35. Marija, Omm il-Knisja**
**36. Talba lil Marija għall-Bżonnijiet tal-Knisja**
**37. Talba lil Marija għas-Saċerdoti**


**TALB U RIFLESSJONIJIET DWAR ID-DULURI TA' MARIJA**


**38. Id-duluri tal-Verġni Marija – Via Matris**
**39. Il-Kurunella lill-Madonna tad-Duluri**
**40. Litanija tas-seba' Duluri u talba lil Marija tad-Duluri**
**41. Wieqfa taħt is-Salib**
**42. Jiltaqa' m'Ommu**
**43. Fi ħdan Ommu**
**44. Ma' Marija taħt is-Salib**
**45. Stabat Mater – Wieqfa kienet imbikkija**
**46. Is-seba' Duluri ta' Ommna Marija**


**TALB, KURUNELLI U INNIJIET LILL-MADONNA TAĦT TITLI DIFFERENTI**


**47. Talba lill-Madonna tal-Mirakli**
**48. Talba lill-Madonna Ta' Pinu**
**49. Talba lill-Madonna tas-Saħħa**
**50. Talba lill-Madonna li tħoll l-għoqiedi tal-ħajja**
**51. Talba lil Marija għajnuna tal-Insara**
**52. Talba lill-Madonna tal-ward**
**53. Talba lill-Madonna tas-sokkors perpetwu**
**54. Talba lill-Madonna ta' Fatima**
**55. Talba lil Sidtna Marija tar-Rużarju ta' Fatima**
**56. Kurunella tal-Madonna ta' Fatima**
**57. Kurunella tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Lourdes**
**58. Fjur tal-Karmelu (Flos Carmeli)**
**59. Fjur tal-Karmnu gran Reġina**
**60. Innu Popolari lil Marija Assunta**
**61. Innu antik miktub l-Imqabba lil Marija Assunta**
**62. Kanzunetta lill-Madonna (Charlon Grima)**
**63. Talba antika lill-Madonna ta' Pinu għall-Vokazzjonijiet**
**64. Innu lill-Madonna tal-Karmnu (1)**
**65. Innu lill-Madonna tal-Karmnu (2)**

66. Innu Popolari lill-Madonna tal-Karmnu
67. Talba lill-Madonna ta’ Pinu għall-Vokazzjonijiet

TALB IEĦOR

68. Marija, ħu ħsiebi
69. Talba lill-Madonna għall-ħarsien tal-familja
70. Sinjura Awgusta tas-Sema
71. Ħelwa Marija
72. Talba tal-Familja
73. Talba lil Marija biex inkomplu nitqaddsu fir-Randan
74. Marija, għinna nkunu xandara ta’ Ibnek
75. Il-Verġni Omm Alla, Marija
76. Marija, ħarsilna l-fidi li ġabilna San Pawl
77. Talba ta’ marid lil Marija
78. Talba lill-Verġni Marija kontra il-Ħażin
79. Talba għall-qdusija tal-familja mill-Papa Franġisku
80. Marija, idħol għalina
81. Talba lil Marija għall-Isqfijiet tagħna
82. Nitolbu l-barka ta’ Marija, Reġina tar-Rużarju ta’ Pompei
83. Talba lil Marija ta’ Santa Tereża ta’ Kalkutta
84. Il-Misteri tar-Rużarju f’Poeżija (jitkantaw bl-Innu ta’ Fatima)

INNIJIET MARJANI

85. Innu Verġni mbierka
86. Angelus (Lilek Omm Alla)
87. Bħall-warda li tiftaħ
88. F’dik ħarstek ħanina
89. Talba tal-midneb
90. Fis-santwarju tal-Madonna
91. Ġejt quddiemek nitlob (As I kneel before you)
92. Infaħħru lil Marija
93. Lil Marija Reġina
94. Fil-ħlewwa ta’ Mejju
95. Ismagħha l-Għanja
96. Ħares xi qtajja
97. Madonna Sbejħa tagħna
98. Minn qalbna nħobbuk
99. Oh! Kemm nixtieq narha
100. Reġina tas-Smewwiet

**TALB LIL OMMNA MARIJA (mis-Sit *Laikos.org*)**

**1. Is-Sliema u l-Qaddisa (Ave Maria)**

Sliema għalik, Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù.
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

**2. Is-Sliem għalik, Sultana (Salve Regina)**

Sliem għalik, Sultana, Omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa u tama tagħna. Sliem għalik, lilek ingħajtu, aħna, turufnati, ulied Eva. Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu f'dan il-wied tad-dmugħ.
Ejja mela, avukata tagħna; dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena. Urina, wara dan it-turufnAmment, lil Ġesù frott imbierek tal-ġuf tiegħek, o ħanina, o pija, o ħelwa, Verġni Marija.

**3. Is-Salve Regina bil-Latin**

Salve, Regina, mater misericordiae:
Vita, dulcedo, et spes nostra, salve.
Ad te clamamus, exsules, filii Hevae.
Ad te suspiramus, gementes et flentes
In hac lacrimarum valle.
Eia ergo, Advocata nostra,
Illos tuos misericordes oculos
Ad nos converte.
Et Jesum, benedictum fructum ventris tui,
nobis, post hoc exsilium ostende.
O clemens! O pia!
O dulcis Virgo Maria!

**4. Il-misteri tar-Rużarju tal-Verġni mqaddsa Marija**

**Tal-Ferħ** (it-Tnejn u s-Sibt)

1. Meta l-anġlu Gabrijel ħabbar lil Sidtna Marija li kellha tkun Omm Alla.
2. Meta Sidtna Marija marret iżżur lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu twieled fl-għar ta' Betlehem.
4. Meta Sidtna Marija ppreżentat lil Binha Ġesù fit-tempju.
5. Meta Sidtna Marija tilfet lil Binha Ġesù u, wara tlitt ijiem, sabitu fit-tempju jiddisputa mad-dutturi.

**Tad-Dawl** (il-Ħamis)

1. Meta Sidna Ġesù Kristu tgħammed fix-xmara Ġordan.
2. Meta Sidna Ġesù Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu ħabbar is-saltna t'Allau sejjaħ għall-indiema.
4. Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-appostli fuq il-muntanja Tabor.
5. Meta Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-misteru tal-Għid.

**Tal-Tbatija** (it-Tlieta u l-Ġimgħa)

1. Meta Sidna Ġesù Kristu għamel l-orazzjoni fl-ort u għereq l-għaraq tad-demm.
2. Meta Sidna Ġesù Kristu kien marbut mal-kolonna u fflaġellat.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu kien inkurunat bix-xewk.
4. Meta Sidna Ġesù Kristu kien mgħobbi s-salib mingħand Pilatu sal-Kalvarju.
5. Meta Sidna Ġesù Kristu kien mislub fuq is-salib u, wara tliet sigħat tal-agunija, miet.

**Tal-Glorja** (l-Erbgħa u l-Ħadd)

1. Meta Sidna Ġesù Kristu qam minn bejn l-imwiet.
2. Meta Sidna Ġesù Kristu tela' s-sema.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli.
4. Meta Sidtna Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem.
5. Meta Sidtna Marija ġiet inkurunata mit-Trinità qaddisa, u mgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli.

**Litanija tal-Verġni Mqaddsa Marija**

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena |
| Kristu, ismagħna | Kristu, ismagħna |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna | Kristu, ilqa' t-talb tagħna |
| Missier etern Alla | Ħenn għalina |
| Iben Alla li fdejt id-dinja | Ħenn għalina |
| Spirtu qaddis Alla | Ħenn għalina |
| Trinità qaddisa, Alla wieħed | Ħenn għalina |
| Imqaddsa Marija | Itlob għalina |
| Imqaddsa Omm Alla | Itlob għalina |
| Imqaddsa xebba tax-xbejbiet | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Omm ta’ Kristu | Itlob għalina |
| Omm il-Knisja | Itlob għalina |
| Omm tal-grazzja t’Alla | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed safja | Itlob għalina |
| Omm l-iżjed nadifa | Itlob għalina |
| Omm u xebba | Itlob għalina |
| Omm bla tebgħa | Itlob għalina |
| Omm li tistħoqq l-imħabba | Itlob għalina |
| Omm tal-għaġeb | Itlob għalina |
| Omm tal-parir it-tajjeb | Itlob għalina |
| Omm ta’ min ħalaqna | Itlob għalina |
| Omm ta’ min salvana | Itlob għalina |
| Xebba kollok għaqal | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull qima | Itlob għalina |
| Xebba li tistħoqq kull foħrija | Itlob għalina |
| Xebba kollok setgħa | Itlob għalina |
| Xebba kollok ħniena | Itlob għalina |
| Xebba dejjem marbuta ma’ Alla | Itlob għalina |
| Mera tal-qdusija | Itlob għalina |
| Tron tal-għerf | Itlob għalina |
| Bidu tal-ferħ tagħna | Itlob għalina |
| Għamara tal-Ispirtu s-Santu | Itlob għalina |
| Għamara ta’ kull grazzja | Itlob għalina |
| Għamara ta’ kull tjieba | Itlob għalina |
| Warda mistika | Itlob għalina |
| Torri ta’ David | Itlob għalina |
| Torri tal-avorju | Itlob għalina |
| Dar tad-deheb | Itlob għalina |
| Arka tar-Rabta l-ġdida | Itlob għalina |
| Bieb tas-sema | Itlob għalina |
| Kewkba ta’ filgħodu | Itlob għalina |
| Saħħa tal-morda | Itlob għalina |
| Kenn tal-midinbin | Itlob għalina |
| Faraġ tal-imnikktin | Itlob għalina |
| Għajnuna tal-insara | Itlob għalina |
| Sultana tal-anġli | Itlob għalina |
| Sultana tal-patrijarki | Itlob għalina |
| Sultana tal-profeti | Itlob għalina |
| Sultana tal-appostli | Itlob għalina |
| Sultana tal-martri | Itlob għalina |

| | |
|---|---|
| Sultana tal-konfessuri | Itlob għalina |
| Sultana tal-Verġni | Itlob għalina |
| Sultana tal-qaddisin kollha | Itlob għalina |
| Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa | Itlob għalina |
| Sultana mtellgħa s-sema | Itlob għalina |
| Sultana tar-Rużarju mqaddes | Itlob għalina |
| Sultana tal-familja | Itlob għalina |
| Sultana tal-paċi | Itlob għalina |

Ħaruf t'Allali tneħħi d-dnubiet tad-dinja aħfrilna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Allali tneħħi d-dnubiet tad-dinja ismagħna, nitolbuk, Mulej
Ħaruf t'Allali tneħħi d-dnubiet tad-dinja ħenn għalina

Itlob għalina, qaddisa Omm Alla biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**

(mill-Gandlora sal-Għid u minn wara żmien il-Għid sa l-Avvent)
Agħti lilna, qaddejja tiegħek, Mulej Alla, nitolbuk, li ngawdu dejjem is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem, u bit-talb glorjuż tal-imqaddsa Marija dejjem Verġni nkunu meħlusa mid-dwejjaq ta' issa u ngawdu l-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna. Ammen.

(mill-Avvent sal-Milied)
O Alla, int li ridt li mat-tħabbira tal-anġlu, l-Iben tiegħek isir bniedem fil-ġuf tal-Verġni mqaddsa Marija, agħtina, nitolbuk, lilna li nistqarruha Omm Alla, li nkunu mgħejjunin mit-talb tagħha. Bl-istess Kristu Sidna. Ammen.

(mill-Milied sal-Gandlora)
O Alla li bis-saħħa ta' Marija, Verġni u Omm, tajtna l-ħlas tal-ħajja ta' dejjem, agħtina, nitolbuk, li nġarrbu l-qawwa tat-talba tagħha, li biha stajna nilqgħu 'l min tana l-ħajja ta' dejjem, Ibnek Ġesù Kristu Sidna. Ammen.

(fi żmien l-Għid)
O Alla, li, bil-qawmien mill-mewt ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna, għoġbok tferraħ id-dinja, agħtina, nitolbuk, li b'Ommu l-Verġni Marija, niksbu l-ferħ tal-ħajja ta' dejjem. Bi Kristu Sidna. Ammen.

**5. Angelus**

Ċ: L-anġlu t'Allaħabbar lil Marija.
P: U hija saret Omm mill-Ispirtu s-Santu.
Sliema.

Ċ: Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej.
P: Ikun minni skont kelmtek.
Sliema.

Ċ: U l-Iben t'Allasar bniedem.
P: U għammar fostna.
Sliema.

Ċ: Itlob għalina, qaddisa Omm Alla.
P: Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

**Nitolbu**
Xerred, Mulej, fi qlubna l-grazzja tiegħek, biex aħna li, bit-tħabbira tal-anġlu, għarafna li Kristu, Ibnek, sar bniedem, bil-passjoni u l-mewt tiegħu, naslu għas-sebħ tal-qawmien mill-imwiet. Bi Kristu Sidna. Ammen.

Glorja. (x3)

Ċ: San Ġużepp ta' qalb safja.
P: Itlob għalina.

Ċ: Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.
P: Id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom.
Ċ: Jistrieħu fis-sliem.
P: Ammen.

**Regina Coeli** (fi żmien l-Għid)

Ċ: Sultana tas-sema, ifraħ: hallelujah.
P: Għaliex dak li stħaqqlek tkun Ommu: hallelujah.
Ċ: Qam minn bejn l-imwiet, kif kien qal: hallelujah.
P: Itlob 'l Alla għalina: hallelujah.

Ċ: Ifraħ u thenna, Verġni Marija: hallelujah.
P: Għaliex il-Mulej qam tassew minn bejn l-imwiet: hallelujah.

**Nitolbu**
O Alla, li bil-qawmien mill-imwiet ta' Ibnek Ġesù Kristu, Sidna, għoġbok tferraħ id-dinja, agħtina, nitolbuk, li b'Ommu l-Verġni Marija, niksbu l-ferħ tal-ħajja ta' dejjem. Bi Kristu Sidna. Ammen.

Glorja. (x3)

Ċ: San Ġużepp ta' qalb safja.
P: Itlob għalina.

Ċ: Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.
P: Id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom.
Ċ: Jistrieħu fis-sliem.
P: Ammen.

**6. Magnificat**

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu

– bħalma wiegħed lil missirijietna –
b’riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Luqa 1:46-55

**7. Sliem għalik, kewkba tal-baħar – Ave Maris Stella**

Sliem għalik, kewkba tal-baħar,
Omm qaddisa u kbira t’Alla,
dejjem Verġni bla mittiefsa,
bieb il-hena u ferħ tas-sema.

Ilqa’ l-“Ave” li bil-qima
Gabrijel qed isemmagħlek,
ibdel fiha l-isem t’Eva
ħalli jerġa’ s-sliem fid-dinja.

Qaċċat kull irbit lill-ħatja,
ġib id-dawl lill-għomja kollha,
biegħed minna l-ħażen tagħna,
niżżel fuqna l-ġid tas-sema.

Uri li tassew int Ommna.
wassal talbna quddiem Alla,
li fi ħnientu twieled minnek
biex issir għalina bniedem.

Verġni fost kulħadd magħżula,
ta’ qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,
itlob ’l Ibnek biex jagħtina
maħfra, safa u spirtu ħlejju.

Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,
żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,
sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra
ta’ Ġesù għal dejjem miegħek. Ammen.

**8. Talba lill-Verġni Mqaddsa Marija (1)**

Ja faraġ waħdieni tiegħi,
nida divina, solliev għan-nixfa tiegħi,
xita nieżla mingħand Alla fuq il-qalb bierda tiegħi,
dawl jiddi fid-dlam ta’ ruħi,
mogħdija għall-mixi tiegħi,
għajnuna għad-dgħufija tiegħi,
satra tal-għera tiegħi,
għana fil-miżerja tiegħi bla għadd,
duwa għall-ġrieħi tiegħi bla fejqan,
tmiem tad-dmugħ u tal-ilfiq tiegħi,
ħelsien minn kull għelt,
faraġ fin-niket tiegħi,
ħelsien mill-jasar tiegħi,
tama tas-salvazzjoni tiegħi…
Hekk ikun, ja Sidti;
hekk ikun, ja kenn tiegħi,
ħajja u għajnuna tiegħi,
ħarsien u glorja tiegħi,
tama u fortizza tiegħi.

Ġermanu ta’ Kostantinopli

**9. Talba lill-Verġni mqaddsa Marija (2)**

Sliem għalik, għanja tal-kerubini u foħrija tal-anġli.
Sliem għalik, sliem u hena tal-bnedmin kollha.
Sliem għalik, ġnien mimli bil-ġid.
Sliem għalik, ja għuda tal-ħajja.
Sliem għalik, blata ta’ dawk li jemmnu u post ta’ min ikun ser jegħreq.
Sliem għalik, sieħba ġdida ta’ Adam.
Sliem għalik, rahan ta’ Eva.
Sliem għalik, għajn tal-grazzja u tal-ħajja bla tmiem.
Sliem għalik, maqdes l-iżjed qaddis.
Sliem għalik, tron tal-Mulej.
Sliem għalik, ja Omm ta’ Kristu, Iben t’Alla l-ħaj, li lilu jixirqu l-glorja, il-ġieħ, il-qima u t-tifħir, issa, dejjem u kullimkien. Ammen u għal dejjem.

Efrem tas-Sirja

**10. Talba lill-Verġni mqaddsa Marija (3)**

Sliem għalik, Omm l-hena tas-sema.
Sliem għalik, int li tkebbes fina l-ferħ.
Sliem għalik, tron tal-hena li ssalva.
Sliem għalik, int li toffrilna l-hena ta' dejjem.
Sliem għalik, post mistiku ta' hena li ma titfissirx.
Sliem għalik, qasam xieraq tal-hena waħdanija.
Sliem għalik, għajn imbierka tal-hena bla tarf.
Sliem għalik, teżor divin tal-hena bla tmiem.
Sliem għalik, Omm Alla.

Min jista' juri l-glorja tiegħek?
Min jista' jirrakkonta l-misteru tiegħek?
Min se jxandar il-kobor tiegħek?
Int li kont ta' ġieħ għall-bnedmin,
int li sbaqt l-eżerċti tal-anġli,
int li għaddejt lil kull ħolqien.
Aħna nistqarruk. Sliem għalik, mimlija bil-grazzja.

Sofronju ta' Ġerusalemm

**11. Talba lill-Verġni mqaddsa Marija (4)**

O Marija,
medda tas-sema,
pedament tal-art,
profondità tal-ibħra,
dawl tax-xemx,
sbuħija tal-qamar,
sebh tal-kwiekeb tas-sema…

Il-ġuf tiegħek nissel 'l Alla,
lil Dak li l-majestà tiegħu tbeżża' lill-bniedem.
Ħdanek kellu fih il-faħam jaqbad.
Irkubbtejk rażżnu lill-iljun,
Dak li l-majestà tiegħu hi tal-biża'.
Idejk messew
lil Dak li ma jistax jintmess
u n-nar tad-divinità li hemm fih.

Subgħajk jixbhu t-tnalja taħraq
li biha l-profeta rċieva l-faħam tal-għotja tas-sema.
Inti l-qoffa ta’ dan il-ħobż ta’ nar jaqbad
u l-kalċi ta’ dan l-inbid.

O Marija, nitolbuk biex,
kif ma tinfiridx il-qatra ilma mill-inbid,
hekk aħna ma ninfirdux minnek u minn Ibnek.

Anafora Etjopika

**12. Talba lill-Verġni mqaddsa Marija (5)**

O Sinjura tiegħi, Omm tiegħi, jiena noffri ruħi kollni lilek, u bħala xhieda tad-devozzjoni tiegħi lejk, noffrilek għajnejja, widnejja, fommi, qalbi, lili nnifsi, u kollni kemm jien. La jiena kollni tiegħek, o Omm kollok tjieba, ħarisni u aqbeż għalija bħala ħaġa tiegħek u li qiegħda f’idejk - San Bernard

**13. Invokazzjonijiet lill-Verġni Mqaddsa Marija**

Ċ: Marija, xebba l-aktar safja, li fil-konċepiment immakulat tiegħek ġejt imsawra mill-Ispirtu s-Santu, tabernaklu magħżul tad-divinità, itlob għalina.
P: U agħmel li l-istess Spirtu s-Santu jiġi ma jdumx biex iġedded il-wiċċ tal-art. Sliema.

Ċ: Marija, xebba l-aktar safja, li fil-misteru tal-Inkarnazzjoni ġejt mgħollija mill-Ispirtu s-Santu għad-dinjità ta’ Omm vera ta’ Alla, itlob għalina.
P: U agħmel…

Ċ: Marija, xebba l-aktar safja, li waqt li kont titlob fiċ-ċenaklu flimkien mal-appostli, ksibt il-milja tal-Ispirtu s-Santu, itlob għalina.
P: U agħmel…
Ċ: Ejja Spirtu qaddis, imla l-qlub tal-fidili tiegħek u kebbes fihom in-nar ta’ mħabbtek.

**14. Ftakar, ja l-iżjed ħanina**

Ftakar, ja l-iżjed ħanina, Omm u Verġni Marija, li qatt ma nstama’ fid-dinja li xi ħadd intefa’ taħt il-ħarsien tiegħek, talbek l-għajnuna jew fittex li tidħol għalih, u inti ma smajtux. Imqanqal minn dan il-ħsieb, għal għandek niġri, ja Verġni u

Omm tiegħi; għandek niġi, quddiemek noqgħod, midneb u niedem, ja Omm l-Iben t'Allamagħmul bniedem. La tistmerrx it-talb tiegħi, iżda ismagħni u weġibni. Ammen. - San Bernard ta' Clairvaux

**15. Insejjaħ lilek, Marija**

Meta jqumu l-irwiefen tat-tentazzjoni, meta niġi mitfugħ fuq is-sikka tat-tribulazzjoni, inħares lejn il-kewkba, insejjaħ lilek, Marija.

Meta niġi mkaxkar mill-mewġ tas-suppervja, tal-ambizzjoni, tal-kalunja, tal-għira, inħares lejn il-kewkba, insejjaħ lilek, Marija.

Meta nħossni mtaqqal bi dnubieti kotrana, imħawwad fil-kuxjenza, imbeżża' mill-ġudizzju, maħkum mid-dwejjaq u d-disperazzjoni, niftakar fik, Marija.

Fil-perikli, fil-biża', fl-inċertezza, niftakar fik u nsejjaħ lilek, Marija.

Inżommok dejjem fuq fommi, inżommok dejjem fil-fond ta' qalbi, Omm tiegħi, Marija.

Adattata minn talba ta' San Bernard ta' Clairvaux

**16. Konsagrazzjoni lill-Verġni Mqaddsa Marija**

O Marija, xebba ta' setgħa u Omm tal-ħniena, Sultana tas-sema u kenn tal-midinbin, aħna nikkonsagraw ruħna lill-qalb tiegħek bla tebgħa. Aħna nikkonsagrawlek lilna nfusna, il-ħajja tagħna kollha kemm hija, dak kollu li għandna, dak kollu li nħobbu, dak kollu li aħna. Lilek nagħtu ġisimna, qalbna u ruħna. Lilek nagħtu djarna, il-familji tagħna u art twelidna. Aħna rridu li dak kollu li hemm fina u madwarna jkun tiegħek u li jkollu sehem mill-ġid tal-barka tiegħek ta' Omm.

Sabiex din il-konsagrazzjoni tkun tassew ta' ġid u tibqa' sħiħa, aħna nġeddu llum f'riġlejk, o Marija, il-wegħdiet tal-magħmudija u tal-ewwel tqarbina tagħna; aħna nagħtuk kelma li nistqarru dejjem u bla biża' l-veritajiet tal-fidi, li ngħixu ta' Kattoliċi f'kollox, taħt it-tmexxija tal-Papa u tal-isqfijiet maqgħudin miegħu. Aħna nwegħduk li nħarsu l-kmandamenti t'Allau tal-Knisja, u fuq kollox it-tqaddis tal-Ħdud. Aħna nagħtuk kelma li ndaħħlu fil-ħajja tagħna, sa fejn nistgħu, it-taħriġ ħelu tar-reliġjon Nisranija u fuq kollox it-tqarbin imqaddes.

Fl-aħħarnett, aħna nwegħduk, o glorjuża Omm Alla u Omm ħelwa tal-bnedmin, li b'qalbna nagħtu ruħna biex inxerrdu l-qima mbierka tiegħek, sabiex, bis-saħħa tas-Saltna tal-Qalb tiegħek bla tebgħa, inħaffu li tiġi u sseħħ is-Saltna tal-Qalb imqaddsa ta' Ibnek Ġesù, fir-ruħ tagħna u fir-ruħ ta' kulħadd, fil-maħbuba art twelidna u fid-dinja kollha, fl-art u fis-sema. Ammen.

**17. Taħt il-ħarsien tiegħek – Sub tuum praesidium**

Taħt il-ħarsien tiegħek, nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla. La tistmerrx it-talb tagħna fi ħtiġijietna, iżda eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o Verġni glorjuża u mbierka.

**18. Libsa ta' ġieħ lil Marija – Vestis honoris**

Ċ: Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.
P: Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.
Ċ: Dak li hu fuq kulħadd sar l-Iben tagħha.
P: Għażel lil Marija.
Ċ: Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
P: Alla għażel lil Marija biex tkun Ommu.
Ċ: Lil Marija, Alla qiegħed.
P: Sidt tal-opri ta' jdejh.

Sinjura tas-sema, tkun lilek qima.
Sinjura tax-xemx, tkun lilek qima.
Sinjura tal-qamar, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-kwiekeb, tkun lilek qima.
Sinjura tan-nar, tkun lilek qima.
Sinjura tad-dawl, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-art, tkun lilek qima.
Sinjura tal-baħar, tkun lilek qima.
Sinjura tal-għejjun, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-jum, tkun lilek qima.
Sinjura tal-lejl, tkun lilek qima.
Sinjura taż-żminijiet, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-borra, tkun lilek qima.
Sinjura tal-beraq, tkun lilek qima.
Sinjura tas-sħab, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tat-tajr, tkun lilek qima.
Sinjura tal-ħut, tkun lilek qima.
Sinjura tal-annimali, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-fjuri, tkun lilek qima.
Sinjura tal-frott, tkun lilek qima.
Sinjura tas-siġar, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tar-riħ, tkun lilek qima.
Sinjura tal-abissi, tkun lilek qima.
Sinjura tal-ilmijiet, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-qawwija, tkun lilek qima.
Sinjura tal-għorrief, tkun lilek qima.
Sinjura tal-qaddisin, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tas-slaten, tkun lilek qima.
Sinjura tal-bnedmin, tkun lilek qima.
Sinjura tal-ispirti, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tal-ħajja, tkun lilek qima.
Sinjura tal-mewt, tkun lilek qima.
Sinjura tal-ħakkiema, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura tad-dinja, tkun lilek qima.
Sinjura ta' kulma jidher, tkun lilek qima.
Sinjura tal-anġli, tkun lilek qima.
Sinjura u Omm tagħna, kun int għalina.

Sinjura u Omm tagħna, tkun lilek qima għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

San Ġorġ Preca

**19. Sliem, bint il-Missier – Salve, filia Patris**

Sliem għalik, bint il-Missier. Sliem għalik, Omm l-Iben ta' Alla. Sliem għalik, għarusa singulari tal-Ispirtu s-Santu. Marija, Verġni, tassew li inti kbira. Għaliex ħwejjeġ kbar għamel miegħek dak li hu setgħani, u li ismu hu tal-biża' u qaddis.

San Ġorġ Preca

**20. Tislima lill-Verġni Mbierka**

Sliem għalik, o Sinjura qaddisa, u Sultana
Omm imqaddsa ta' Alla, Verġni li sirt Knisja!
Magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema,
u minnu kkonsagrata,
flimkien ma' Ibnu l-għażiż u l-aktar qaddis,
u mal-Ispirtu s-Santu, id-difensur.
Fik kien hem u hemm
il-milja tal-grazzja u ta' kull ġid.
Sliem għalik, palazz tiegħU,
sliem għalik, tabernaklu tiegħU,
sliem għalik, dar tiegħU.
Sliem għalik, ilbies tiegħU,
sliem għalik, qaddejja tiegħU,
sliem għalik, Omm tiegħU!
U sliem għalikom ilkoll,
virtujiet qaddisa lkoll kemm intom,
li bil-grazzja u d-dawl
tal-Ispirtu s-Santu tiġu msawba
fil-qlub tal-fidili,
biex minn nies li ma jemmnux
tagħmluhom jemmnu f'Alla.

San Franġisk ta' Assisi

**21. Antiphona B.V.M. Immacolata Conceptio**

Beata mater et intacta virgo, gloriosa regina mundi, intercede pro nobis ad Dominum.

**22. Fis-Salib il-fidwa tiegħi**

O Marija, int ħassejt qalbek tinqasam meta mxejt ma' Ibnek Ġesù tul it-triq tal-Kalvarju, u batejt int ukoll għax rajtu jbati bla ħtija.

Taħt is-salib, inti wrejt ruħek bħala mara ta' fidi u dixxiplu ta' Ġesù, li fetħilna t-triq għas-sema bil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu; fuq is-salib feda n-nuqqasijiet tagħna lkoll u wriena kif inġorru s-salib tagħna.

Inti kont taf li fis-salib hemm il-glorja, fit-tbatija hemm ir-rebħ u fil-mewt hemm il-ħajja.

Nitolbok, o Marija Addolorata, itlob għalija biex jien ukoll nagħraf li permezz tat-tbatija nista' nissaffa minn dnubieti, li permezz tas-salib jien ġejt salvat, għaliex fis-salib hemm il-fidwa.

Għalhekk, itlob għalija, biex meta s-salib jagħfas fuqi u x-xitan jipprova jikkonvinċini li Alla nsieni, jiena nifhem li dak is-salib qed jippermettih Alla f'ħajti biex jiena nkun nista' ningħaqad aktar ma' Ibnek Ġesù mislub.

Dan nitolbok, o Marija Addolorata, f'isem Ibnek u ħuna Ġesù Kristu. Ammen.

**TALB ANTIK LILL-MADONNA (ġabra ta' Tarcisio Zarb)**

**23. Omm qaddisa tal-kbir Alla**

Omm qaddisa tal-kbir Alla,
taħt il-mant tiegħek nistkennu,
Tirruftax it-talb minn tagħna,
waqt li lilek aħna ntennu.

Fil-bżonn kbir li fih ninsabu,
bil-mant tiegħek int ħarisna.
Magħna kun dejjem pjetuża,
Verġni Mqaddsa u Glorjuża.

Omm qaddisa tal-kbir Alla,
taħt il-mant tiegħek nistkennu.
Tirruftax it-talb minn tagħna,
dak li lilek aħna ntennu.

Fil-bżonn kbir int ieqaf magħna,
mill-periklu int ħarisna,
bit-talb tiegħek int qaddisna,
Magħna kun dejjem pjetuża,
Verġni mqaddsa u glorjuża.

(Dawn huma verżjonijiet popolari ta' talba antika bil-Latin magħrufa mill-ewwel vers: SUB TUUM PRAESIDIUM.)

**24. Talba lill-Madonna taċ-Ċintura**

Madonna tal-Konsolazzjoni, ikkonsolana.
Eħlisna mit-tentazzjoni u aqlgħalna l-eterna salvazzjoni.
Madonna tal-Faraġ, itlob għalina.

(tingħad is-*Salve Reġina*)

**25. Warda t'Alla**

Warda, li bil-ġmiel u l-fwieħa tiegħek
għaxxaqt il-qalb t'Alla, itlob għalina.

**26. Tislima lill-Madonna**

It-tbissima minn ta' fommok,
il-ġmiel ta' dawk għajnejk,
ġmiel is-sema fihom nara
qatt ma nixba' nħares lejk.

**27. Tliet Avemarijiet lill-Madonna**

Tliet Avemarijiet lill-Madonna
f'ġieħ dawk it-tlitt ijiem
li l-Madonna damet fil-qabar.
Taqlgħalna tliet grazzji.
Taqlgħalna l-indiema perfetta ta' dnubietna,
l-umiltà tal-qalb u tippreservana fil-grazzja ta' Binha Ġesù.

(Jingħau tliet Avemarijiet)

**28. Sliem għalik Marija**

Sliem għalik Marija, O bint il-Missier etern Alla.
Sliem għalik Marija, Omm l-Iben etern t'Alla.
Sliem għalik Marija, O għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu Alla.
Sliem għalik Marija, O għamara tas-Santissima Trinità.

(Tliet Glorjapatri)

Dawn il-versi għandhom eku, għalkemm forsi fil-bogħod, ta' l-innu lill-Madonna fil-Liturġija Biżantina magħrufa bħala 'Akathistos'.

**29. Lill-Madonna fl-Ave Marija (Angelus)**

Anġlu ħabbar lil Marija
Omm minn t'Alla għandha ssir
u meta l-Ispirtu s-Santu
fiha jfisser għatx kbir.  Ave Marija

Wara l-kliem tal-anġlu t'Alla,
wieġbet il-Verġni Marija:
"Hawn," qaltlu "s-serva t'Alla.
Li trid inti isir fija."  Ave Marija

Wara dan il-Verb Divin
sar bniedem, ħa s-sura bħalna.
U għall-imħabba li ġibilna,
ġie fid-dinja u baqa' magħna.  Ave Marija

**30. It-Tħabbira ta' Marija**

Isa, u ejja, ħalli mmorru,
ħa nisimgħu din l-aħbar:
inħallu ftit il-merħla
magħluqa ġo dal-għar.

"Is-sliem għalik, ja merħla,
is-sliem għalik, għarix:
is-sliem, widien u iġbla,
wis-sliem, siġar u ħaxix."

"Il-passi fittex agħti,
ħalli nsibu l-Anġlu magħha,
isa, w ejja mmorru niġru
għax edina id-dar tagħha."

"Dak Alla li hu miegħek
bl-akbar grazzja għoġbu jagħnik;
imbierka inti fost in-nisa,
Marija, is-sliem għalik!"

Marija l-kunsens tagħti
fiha nkarna l-Verb Divin;
fil-ġuf purissmu tagħha
jieħu l-forma tal-bnedmin.

Ifirħu, l-aħwa, ifirħu!
immorru nħabbru lil Kulħadd!
Ifirħu, l-aħwa, ifirħu!
Ferħ bħal dan żgur ma kien qatt!

**31. O Madonna hawn quddiemek**

O Madonna hawn quddiemek,
qalbi kollha ġejt nagħtik.
Ġejt nitolbok dawl u barka,
ġejt inqiegħed tamti fik.

O Madonna jiena tiegħek,
ħidma u serħ kollox għalik;
int ħarisni, int mexxini,
ejja ddumx malli nsemmik.

O Madonna isma' talbi,
kun il-faraġ ta' din qalbi.

## TALB LIL MARIJA GĦALL-BŻONNIJIET TAS-SAĊERDOTI

**32. Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija**

O Qalb bla tebgħa ta' Marija, mixħutin f'riġlejk nikkonsagraw lilna nfusna lilek. Nifhmu li nikkonsagrawlek dak kollu li aħna u dak kollu li għandna mingħajr ebda riserva.

Nikkonsagrawlek speċjalment il-missjoni li Ġesu' Ibnek għoġbu jagħżilna għaliha, il-missjoni li nitolbu, ngħinu u nsofru għall-erwieħ saċerdotali, li huma l-erwieħ prediletti ta' Ġesu' u tiegħek.

Inti taf biżżejjed, O Marija, liema delikatezza u liema ġenerożita’ titlob minna missjoni bħal din. Imma aħna żguri mill-għajnuna tal-patroċinju tiegħek u għalhekk aħna nirrikorru lejk u f’idejk nerħu l-qadi tal-missjoni tagħna.

O Marija, din il-missjoni ma nistgħux naqduha sewwa mingħajr ma jkollna intimita’ kbira ma’ Ġesu’ Saċerdot Etern u l-ewwel saċerdot. Ressaqna għalhekk dejjem izjed lejn il-Qalb adorabbli tiegħu biex jagħmilna erwieħ tal-Ġetsemani, erwieħ li nkunu nafu nitolbu u nsofru.

Żvojta l-qalb tagħna minn kull imħabba li mhix ta’ Ġesu’, biex nimlewha bih. Rażżan l-amor proprju tagħna, ippurifika l-intenzjonijiet tagħna u agħmel fuq kollox li r-relazzjonijiet tagħna mas-saċerdoti ta’ Ġesu’ Ibnek ikunu kollha kemm huma spiritwali u sopranaturali.

Aċċetta, O Marija, din il-konsagrazzjoni tagħna lilek u nitolbuk biex waqt it-tqarbin tressaqna inti stess quddiem it-tron tal-Iben tiegħek Ġesu’. F’ġieħ l-istess Kristu Sidna. Ammen.

**33. Lil Ommna Marija taħt is-Salib**

Omm taħt is-Salib, Omm il-Ħniena, ixħet ix-xibka tiegħek, li int irbatt flimkien permezz tal-anġli u l-bnedmin. Ixħitha fuq is-saċerdoti kollha li għerqu fl-oskurita f’qiegħ il-baħar u salvahom bil-qawwa t’Alla u fil-ħniena materna ta’ mħabbtek! Ammen.

**34. Talba lis-Sinjura tagħna tas-Santissmu Sagrament**

O Vergni Marija,
Sinjura tagħna tas-Santissmu Sagrament,
glorja tal-poplu t’Alla f’din l-art,
ferħ tal-Knisja u saħħa tad-dinja,
itlob għalina u qanqal
fil-qlub ta’ dawk kollha li
jemmnu fi Kristu Ibnek,
fidi sħiħa fl-Ewkaristija Mqaddsa
biex ilkoll jingħaqdu bejniethom
u jircevuha kif jixraq.
Ammen.

**35. Marija, Omm il-Knisja**

Marija, Omm il-Knisja, induru lejk. Bl-'iva' tiegħek, inti ftaħt il-bieb għall-preżenza ta' Kristu u għall-appell tal-Maesta' Divina f'silenzju umli u b'sottomissjoni totali. Agħmel li ħafna rġiel u nisa jsiru jafu u jisimgħu, anki llum, il-vuċi ħelwa tal-istedina ta' Ibnek: 'Imxi warajja.'

Oħroġ l-idejn materni tiegħek fuq il-missjunarji mxerrda madwar id-dinja, fuq ir-reliġjużi rġiel u nisa li jassistu l-anzjani, il-morda, in-nies b'kull xorta ta' diżabilita', l-orfni; fuq dawk li huma mpenjati li jgħallmu, fuq il-membri ta' stituti sekulari, il-ħidma tajba li ssir fis-silenzju; fuq dawk li fil-klawsura jgħixu fil-fidi u l-imħabba u jitolbu għas-salvazzjoni tad-dinja. Ammen.

Papa Ġwanni Pawlu II

**36. Talba lil Marija għall-Bżonnijiet tal-Knisja**

O Verġni Marija li assistejt għat-twelid tal-Knisja ta' Ġesu' Ibnek, nissel fi qlubna mħabba kbira lejn il-Knisja.

Inti li sofrejt dulur kbir fil-Qalb tiegħek meta rajt il-Knisja ppersegwitata, agħti nitolbuk, kuraġġ u għajnuna lil dawk kollha li qegħdin isofru u jikkumbattu għaliha.

Inti li t-talb tiegħek għandu tant qawwa fuq il-Qalb t'Alla, agħmel li ħutna kollha mxerrdin mad-dinja juru mħabba, rispett u ubbidjenza lejn il-Knisja.

Nissel fina lkoll żelu kbir fis-servizz tal-Knisja, għarusa maħbuba ta' Ġesu' Kristu Ibnek, li jgħix u jsaltan mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**37. Talba lil Marija għas-Saċerdoti**

Omm is-Salvatur tagħna, f'dan iż-żmien iddedikat għalik, b'ferħ kbir insejjħulek imbierka. Inti emmint fil-Kelma t'Alla l-Missier u ddikjarajt lilek innifsek bħala l-qaddejja tiegħu, għalhekk permezz tiegħek, il-Verb sar bniedem u għammar fostna. Insellmulek bħala Omm, Ommna, Omm il-Knisja. Min jaf b'liema mħabba ħadt ħsieb tal-Knisja fil-bidu tagħha u b'liema attenzjoni ta' Omm qawwejt lill-appostli filwaqt li kkommettew lilhom infushom biex iwettqu x-xogħol tal-Iben Divin tiegħek fid-dinja. Agħmel li l-Knisja tkun dejjem is-sinjal u l-istrument ta' unjoni intima ma' Alla.

Lilek, Ommna, nafdaw b'mod speċjali l-isqof u s-saċerdoti tad-djoċesi tagħna. Lilhom ingħata li jaqsmu b'mod speċjali fis-Saċerdozju tal-Iben Divin tiegħek. Hu għażilhom biex ikunu ministri tal-Kelma Tiegħu u tas-Sagramenti. Itolbu biex jimlihom biż-żelu, biex iżommhom fidili u ferħana fis-servizz tiegħu, konxji tal-fatt li huma jieħdu ħsieb sabiex jagħtu glorja lill-Missier u unur lill-Knisja.

Omm Qaddisa, żid in-numru tas-saċerdoti billi tnebbaħ liż-żgħażagħ tagħna biex ikunu aktar ġenerużi fit-tweġiba tagħhom biex iservu lil Ġesu' fis-saċerdozju u fil-ħajja reliġjuża.

Saħħaħ lilna lkoll, O Verġni Marija, fil-vjaġġ tagħna tal-fidi u għaqlagħlna l-grazzja tas-salvazzjoni eterna.

## TALB U RIFLESSJONIJIET DWAR MARIJA TAD-DULURI

### 38. Id-duluri tal-Verġni Marija – Via Matris

1. Il-profezija tal-profeta Xmun: "Sejf ta' dulur jinfidlek qalbek".
Sliema.
2. Marija taħrab lejn l-Eġittu minħabba s-sultan Erodi li ried joqtlu.
Sliema.
3. Marija titlef lil Binha Ġesù, tfajjel ta' tnax-il sena.
Sliema.
4. Marija tiltaqa' ma' Ġesù mgħobbi s-salib.
Sliema.
5. Marija taħt is-salib ma' Binha.
Sliema.
6. Ġesù mejjet fi ħdan Ommu Marija.
Sliema.
7. Ġesù midfun fil-preżenza ta' Ommu Marija.
Sliema.

**39. Il-Kurunella lill-Madonna tad-Duluri** (minn Patri Feliċ Sammut OFMConv.)

Qalb imnikkta ta' Marija
F'riġlejk aħna mixħutin
Qalbna niedma u sogħbiena
Għaliex aħna midinbin. Ave.

Omm tal-ħniena kemm duluri
Int ġarrabt m'Ibnek Ġesù
Minn twelidu sal-mewt tiegħu,
Għaliex b'Ommu riedek Hu! Ave.

Omm sabiħa, kollok safja
Int għoġobt 'l Alla ħanin
Minn ħtijietna nitolbuk
Eħles lilna mnikktin. Ave.

Bi dnubietna aħna regħexna
Lil Ġesù Teżor ta' Qalbek;
Fis ħbieb miegħu int erġa' agħmilna
Dana tista' tagħmlu b'talbek. Ave.

Biex jifdina minn dnubietna
Ġesù miet fl-akbar ħruxija,
U għax miegħu int ridt tissieħeb
Bid-Dulur qalbek mimlija. Ave.

Tad-dnub tagħna aqlgħalna ndiema
Minn kull ħażen int eħlisna,
Għax irridu tul ħajjitna
li d-Demm t'ibnek iqaddisna. Ave.

Bit-tgħakkis u bl-opri tajba
Nipproponu li nfarrġuk
id-dmugħ tiegħek nixxuttawlek
Biex għal dejjem ġieħ nagħtuk. Ave.

**Nitolbu**
O Alla, li fil-Passjoni tiegħek, kif kien ħabbar Xmun il-Profeta, is-sejf tad-Duluri nifed il-Qalb l-iżjed ħelwa tal-glorjuża Verġni Marija Ommok; agħmel nitolbuk, li aħna, li qegħdin inqimu n-niket tagħha, ikollna sehem mill-frott hieni tal-Passjoni tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## 40. Litanija tas-seba' Duluri u talba lil Marija tad-Duluri

Mulej Ħniena – Mulej Ħniena
Kristu Ħniena – Kristu Ħniena
Mulej Ħniena – Mulej Ħniena
Kristu ismagħna – Kristu ismagħna
Kristu ilqa' t-talb tagħna – Kristu ilqa' t-talb tagħna

Missier etern Alla – Ħenn għalina
Iben Alla li fdejt id-dinja –Ħenn għalina
Spirtu Qaddis Alla – Ħenn għalina
Trinita' Qaddisa Alla wieħed – Ħenn għalina

Imqaddsa Marija Omm Alla – Itlob għalina
Imqaddsa Verġni tal-verġni – Itlob għalina

Omm tal-Imsallab – Itlob għalina
Omm imnikkta - Itlob għalina
Omm imbikkija – Itlob għalina
Omm titniegħed – Itlob għalina
Omm imweġġa' – Itlob għalina
Omm abbandunata – Itlob għalina
Omm deżolata – Itlob għalina
Omm l-iktar qalbek sewda – Itlob għalina
Omm imġarrba bid-dwejjaq – Itlob għalina
Omm mifnija bin-niket – Itlob għalina
Omm minfuda bis-sejf – Itlob għalina
Omm imsallba fil-qalb tiegħek – Itlob għalina
Omm li ġarrabt il-mewt ta' Ibnek – Itlob għalina
Omm tad-duluri – Itlob għalina

Ħamiema titniegħed – Itlob għalina
Għajn tad-dmugħ – Itlob għalina
Baħar ta' mrar – Itlob għalina
Kamp tat-tribulazzjoni – Itlob għalina
Kotra ta' tbatija – Itlob għalina
Mera tas-sabar – Itlob għalina
Blata ta' fedelta' – Itlob għalina
Rimedju fit-taħwid – Itlob għalina
Ferħ tal-imnikktin – Itlob għalina
Arka tal-mitluqin – Itlob għalina
Kenn tal-abbandunati – Itlob għalina
Tarka tal-maħqurin – Itlob għalina
Rebbieħa ta' dawk li ma jemmnux – Itlob għalina
Faraġ ta' dawk b'qalbhom sewda – Itlob għalina
Duwa tal-morda – Itlob għalina
Għajnuna tal-beżżiegħa – Itlob għalina
Saħħa tad-dgħajfin – Itlob għalina

Protettriċi ta’ dawk li jitqabdu – Itlob għalina
Port ta’ dawk li jġarrbu l-għarqa – Itlob għalina
Li ssikket it-tempesti – Itlob għalina
Sieħba tal-imnikktin – Itlob għalina
Irtirar għal dawk li jokorbu – Itlob għalina
Biża’ tal-qarrieqa – Itlob għalina
Mudell għall-martri – Itlob għalina
Teżor tal-fidili – Itlob għalina
Dawl għall-konfessuri – Itlob għalina
Ġawhra tal-verġni – Itlob għalina
Faraġ tar-romol – Itlob għalina
Ferħ tal-qaddisin kollha – Itlob għalina
Sultana tal-qaddejja tiegħek – Itlob għalina
Qaddisa Marija li ħadd ma jista’ jkun bħalek – Itlob għalina

Itlob għalina Verġni l-aktar mnikkta biex ikun jistħoqqilna dak li wegħdna Kristu

**Nitolbu**
O Alla li fil-passjoni tiegħek skont il-profezija ta’ Xmun, sejf ta’ niket nifed il-Qalb l-iktar ħelwa tal-glorjuża l-imqaddsa Verġni Marija Omm tiegħek; agħtina lilna li qed niċċelebraw t-tifkira tas-seba’ Duluri tagħha, li niksbu l-frott hieni tal-passjoni tiegħek, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

**Talba tal-Għeluq lill-Marija tad-Duluri**
O Marija, Omm wisq maħbuba tagħna, Int li toqgħod qrib is-slaleb tagħna bħalma bqajt ħdejn is-salib ta’ Ġesu’, qawwi l-fidi tagħna sabiex anke jekk mifluġa bid-dulur, inżommu fissa l-ħarsa tagħna fuq il-wiċċ ta’ Kristu li fih fit-tbatija esterma tas-salib dehret l-imħabba kbira u safja ta’ Alla. Omm tat-tama tagħna, agħtina l-għajnejn tiegħek biex ‘l hinn mit-tbatija u l-mewt naraw id-dawl tal-qawmien, agħtina l-qalb tiegħek biex inkomplu anke fil-mument tal-prova, inħobbu u naqdu. O Marija Santissma Sidtna tas-salib, Itlob għalina. Ammen.

**41. Wieqfa taħt is-Salib**

Wieqfa taħt is-salib b’ħarsitha mbikkija,
Fuq Binha kollu dmija msallab qed imut.
Wieqfa taħt is-salib, Marija f’agunija,
Titniegħed mat-tbatija, titbekka fuq Ġesu’.

Jien mhux lilu l-iżjed nibki,
iżda lilkom midinbin,
għaliex intom u wliedkom
tant minn Alla imbegħdin.
Iva nibki xħin narakom li lil Ibni ma tridux,
tibqgħu ‘l bogħod... u lejh... ma tersqux.

Wieqfa taħt is-salib, ġo folla illi qegħda,
titmasħan bil-mibgħeda ma’ Binha l-maħbub.
Wieqfa taħt is-salib, lejn Binha ċċassatha,
Tassew addolorata, x’ħin hija tarah mislub.

Rit: Jien mhux lilu l-iżjed nibki....

Wieqfa taħt is-salib, ix-xbieha tad-duluri,
li tibqa’ dejjem turi, l-imħabba lejn Ġesu’.
Wieqfa taħt is-salib, b’omm ħati ġiet magħduda,
u qalbha ġiet minfuda ma’ binha li qatluh.

Rit: Jien mhux lilu l-iżjed nibki...

Iva jiena xorta nħobbkom (x5)

**42. Jiltaqa’ m’Ommu**

Bi tbatija liema bħala,
taħt it-toqol tas-salib,
Ġesù ssokta l-mixja tiegħu,
dejjem waħdu u bla ħabib.

U hawnhekk Ġesù iltaqa’,
mal-imsejkna ommu Marija,
li ma’ Binha marret taqsam,
dik id-dehra ta’ tbatija.

U dik l-Omm tgħidx x’niket ħasset,
tara ’l Binha kollu dmija,
imma hija x’setgħet tagħmel?
Tħares lejh biss, imbikkija.

Żewġt iqlub kienu ingħaqdu,
flimkien qasmu t-tbatijiet.
B'kuraġġ aqwa Ġesù ħaddan,
dak li l-Missier kien ried.

**43. Fi ħdan Ommu**

Bħal fosdqa battala,
lumija magħsura,
il-ġisem bla ruħ,
fuq Ommu mitfugħ.

La l-folla ċaħditu,
u mal-ħatja sallbitu,
reġa' għandha mill-ġdid,
reġa' għandha għal ftit.

Fil-fjur taż-żgħożija,
mar b'rasu mimlija,
u llum hekk hu l-fdal,
ta' kull idejal.

Imma hi li ħabbitu,
ma' qalbha rassitu,
xtaqitu għal ftit,
ġo ġufha mill-ġdid.

Fis-skiet tal-hemm tagħha,
jinfired minn magħha,
il-ġisem għajjien,
jistenna l-qawmien.

U waqgħet id-dalma,
u waqgħet il-kalma,
imma hi baqgħet hem,
imbikkma bil-hemm.

**44. Ma' Marija taħt is-Salib**

Hemm taħt is-salib kienet Marija mbikkma, mitlufa minn sensiha, tħoss kollox qed iddur biha. Imma għaliex? Imma kif? X'għamel ħażin dan Ibni l-għażiż? Dan Ibni li b'idejh bierek lit-tfal, mess il-morda u dawn fiequ, qajjem nies mill-mewt, ikkalma t-tempesta u waqqaf l-irjieħ. Dawn l-idejn issa stirati, mimlija dmija u msammra mas-salib.

Dan l-istess Iben li b'saqajh terraq fl-ibliet u fl-irħula biex jagħmel il-ġid, biex jiltaqa' mal-midneb, biex ifejjaq il-feriti fi qlub il-bnedmin, biex iwassal kelma tajba lil min jinsab waħdu. Dawn is-saqajn issa pjaga waħda msammra mas-salib. Dan l-uniku Iben li għandi, li b'qalbu ħabb lill-imġiddem, lill-prostituta, lit-tallab, lil kulħadd.

Din l-istess qalb li għal tlieta u tletin sena sħaħ, ħabbtet mal-qalb ta' kulħadd, issa miftuħa b'demm u ilma ħiereġ minnha. Għaliex dan kollu? X'għamel ħażin dan Ibni? Ma min kellu xi jgħid? L-ebda tweġiba ma setgħet tfissrilha d-dramm li kienet qed tara quddiemha u tawha lil Binha bla ħajja fi ħdanha, u rassitu magħha, bisietu, bkietu, għaliet għad-dehra tiegħu.

Inħares lejk f'dik is-sura ja Omm ħelwa tiegħi, u nilmaħ lilek u lil Ibnek f'dik is-sura ta' tbatija, imċapsa bid-dmija. Iva Marija, nilmaħ lilek fl-uċuħ ta' nies li naf li jinsabu mitlufa, imdejqa, ma jafux fejn se tagħtu rashom, b'qalbhom minfuda, jbatu, imnikkta, ħarsithom baxxuta. Narak bħal tieħu l-ħajja, f'dawk li huma mbikkma, f'żgħażagħ u tfal imtaqqla bil-problemi tal-kbar, f'persuni feruti mill-ambjent li qed jgħixu fih, waħedhom, jiġġieldu għall-futur tagħhom.

Naħseb u nirrealizza li t-tifkira tad-Duluri mhix memorja ta' jum wieħed fis-sena jew tal-imgħoddi, imma hija realta' li ngħix u naffaċċja kull jum ta' ħajti flimkien ma tant nies li f'din id-dinja jbatu għal diversi raġunijiet.

Illejla O Madonna, jien ukoll se nterraq warajk, biex naħseb fuq it-tbatijiet li għaddejt minnhom inti, meta tawk lil Ibnek fi ħdanek. Ilejla se nġorr miegħi f'moħħi u f'qalbi lil tant nies li naf li qed jgħixu taħt is-salib ta' Ibnek Ġesu', hemm fuq il-Golgota, waħedhom bid-dmugħ f'għajnejhom u b'qalbhom maqsuma u se nitolbok biex tieqaf magħhom int u tagħtihom li għandhom bżonn, u l-aktar tressaqhom lejn Ibnek Ġesu' li miet Hu biex jagħti lil kulħadd it-tama ta' ħajja ġdida u ta' bla tmiem.

**45. Stabat Mater – Wieqfa kienet imbikkija**

Taħt is-salib id-dubji kibru,
dat-tbatijiet x'setgħu jfissru?
F'widnejha dwew kliem il-profeta Xmun,
Omm il-Feddej, Omm id-Dulur.

Quddiemha xena orribli,
miksi bid-demm, minn Alla minsi,
Binha l-għażiż, f'baħar t'uġigħat,
dak li fiż-żmien tant ħadet ħsieb.

Forsi kien aħjar li għadu żgħir,
fid-dar idur ma' djulha,
għal kenn u l-kwiet, bla tbatijiet,
għalkemm żgur kienet taf li f'dak il-ħin,
b'Binha l-bnedmin ġew mifdijin.

**46. Is-seba' Duluri ta' Ommna Marija**

Ejjew nimxu ma' Marija fil-mumenti tad-dulur tagħha. Marija Omm Alla hija bniedma bħalna, u bħalna għaddiet minn bosta esperjenzi t'uġigħ, tbatija u anzjeta'. Din il-mixja tagħna ma' Marija hija mixja ta' fidi kif ukoll mixja ta' solidarjeta'. Hi, fl-imħabba tagħha t'Omm, takkumpanjana fl-uġigħ tagħna, il-mard li ngħaddu minnu aħna jew il-membri tal-familja tagħna, Il-mewt tal-għeżież tagħna, l-inkwiet li ngħaddu minnu, l-anzjeta' li tolqotna.

Marija tifhimna meta nduru lejha. Aħna spiss nersqu lejha fit-talba tar-Rużarju jew fit-talba tal-Angelus, jew fil-festi tagħha matul is-sena, insellmu x-xbihat tagħha u nitolbuha. Imma llum f'dan il-jum li jinsab fuq l-għatba ta' Ħadd il-Palm u l-Ġimgħa Mqaddsa, induru lejn Marija bħala poplu wieħed.

**L-Ewwel dulur**

L-Ewwel dulur li ġarrbet Marija kien f'Ġerusalemm. Meta Marija u Ġużeppi marru jippreżentaw lil binhom Ġesu' fit-tempju. Dak inhar kien hemm wieħed jismu Xmun. Raġel ġust u tajjeb u li kellu l-Ispirtu s-Santu fuqu. Dan kien jistenna l-faraġ ta' Iżrael u minn dejjem kien jixtieq li qabel ma jmut jara l-Messija tal-Mulej. Darba fost l-oħrajn ġie mqanqal mill-Ispirtu biex imur fit-tempju.

“Marija stennieni hawn ħalli qabel ma nidħlu fit-tempju, mmur nixtri par gamiem għas-sagrifiċċju.”
“Mur Ġużeppi tħallinix nistenna wisq, għax dalwaqt jasal il-ħin li jkolli bżonn nredda’ lil Ġesu’.”
“Le, Marija dalwaqt inkun hawn.” ...

“Ejja Marija ħalli nidħlu fit-tempju.”
“Kemm huwa sabiħ it-tempju hux Ġużeppi?”
“Iva, Marija il-Mulej Alla hekk jixraqlu li jkollu. Jekk qed nara sewwa riesaq lejna Xmun.”
“Taf li bil-kemm qed nagħrfu kemm xjaħ hux?”
“Ħa ngħajjatlu: Xmun! Xmun!”
“Ara sieħbi Ġużeppi kemm qed nieħu pjaċir li ntqajt miegħek.”
“Xmun din hi marti Marija u Ibni Ġesu’, ġejna biex nagħmlu dak li titlob minna l-liġi, li nippreżentaw lit-tifel tagħna Ġesu’ lill-Mulej u nagħmlu l-offerta tagħna lil Alla bħala ringrazzjament.”

“Ejjew ersqu lejn l-altar tas-sagrifiċċju tuni lit-tarbija f’idejja, kemm huwa ħelu! Kieku tafu kemm jien ferħan li fl-aħħar ta’ ħajti kelli nilqa’ fi ħdani lill-Messija.
“Issa o Sidi tista’ tħalli lill-qaddej tiegħek imur fis-sliem skont kelmtek, għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek li int ħejjejt għall-popli kollha, dawl biex idawwal il-ġnus u l-glorja tal-poplu tiegħek, Iżrael.”
“Marija qed tisimgħu x’qiegħed jgħid Xmun fuq Ġesu’? Dan donnu qed iħabbar xi ħaġa futura. Jien mhu qed nifhem xejn.”
“Lanqas jien Ġużeppi ma naf xi jrid jgħid! Tkun magħmula l-volonta’ t’Alla.”

“Issa wliedi ħudu lil Ġesu’ f’idejkom u inżlu għarkubbtejkom ħalli nitlob il-barka tal-Mulej Alla fuqkom.”
“Ixħet Mulej Alla l-barkiet kollha tiegħek fuq din il-familja, agħtihom is-saħħa u l-għerf li jkollhom bżonn fit-triq tal-ħajja.”
“Int Ġużeppi qies li tieħu ħsieb martek u Ibnek Ġesu’. Indukrahom minn kull periklu.”
“U int Marija, Ibnek Ġesu’ se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta’ ħafna f’Iżrael, se jkun sinjal li jmerruh, u int ukoll sejf jinfidlek ruħek sabiex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta’ ħafna.”

Min jaf x’ħasset f’qalbha Marija meta semgħet il-kliem tant iebes ta’ Xmun li għarrafha bil-Passjoni u l-mewt kiefra ta’ Binha Ġesu’ tarbija. Minkejja dan, Marija ma tfixklitx għaliex l-Iva tagħha meta dehrilha l-Anġlu Gabrijiel kienet il-frott tal-fiduċja sħiħa tagħha f’Alla.

Aħna wkoll fil-ħajja mhux dejjem nistgħu nifhmu kollox. Ġieli jiġru affarijiet f'ħajjitna li nħossuna ma nifhmuhomx. Mela, ejja nafdaw fl-imħabba ta' Alla bħalma għamlet Ommna Marija f'ħajjitha.

Ommna Marija dejjem tkun lesta li tgħinna biex fid-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom f'ħajjitna ma nitilfux il-fidi tagħna, anke f'dawk il-mumenti li ma nkunux qed nifhmu.

**It-Tieni dulur**

It-Tieni dulur li ġarrbet Marija kien dak inhar li flimkien mar-raġel tagħha Ġużeppi u binhom Ġesu', kellhom jaħarbu lejn l-Eġittu.

Darba f'nofs ta' lejl anġlu tal-Mulej deher f'ħolma lil Ġużeppi.
"Ġużeppi! Ġużeppi! Qum u għamel dak li se ngħidlek."
"Int min int?"
"Jien anġlu mibgħut mingħand il-Mulej Alla."
"Xi trid minni? Jien qed nibża'."
"Irridek titlaq lejn l-Eġittu issa stess u ħu miegħek lit-tifel Ġesu' u lil Ommu Marija. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien."
"Għaliex għandi nagħmel dan kollu?"
"Għax Erodi qed ifittex lit-tifel Ġesu' qed joqtlu."
"Biex joqtlu? U għaliex?"
"Int obdi u għamel li qed ngħidlek jien mill-iktar fis. Jien se nindukrakom tul il-vjaġġ kollu."
"Imma din kienet ħolma jew realta'?"

"Xi ġralek Ġużeppi? Ma min kont qed titkellem?"
"Kelli ħolma u le, le, mhux ħolma imma realta'. Iva deherli anġlu u qalli biex infittxu nitilqu minn Nażaret u mmorru l-Eġittu."
"Imm' issa billejl u tul il-vjaġġ nistgħu niltaqgħu ma' ħafna perikli! Imma la l-Mulej iridna nagħmlu dan, allura nobdu għar-rieda tiegħu."
"Issa, ejja nfittxu niltilqu, mur lesti xi affarijiet li jkollna bżonn tul il-vjaġġ forsi matul il-jum għandu mnejn niltaqgħu ma' xi karavan ta' negozzjanti taż-żjut u d-drappijiet u nkomplu t-triq magħhom. Kieku aħjar għax għandna vjaġġ twil wisq u perikoluż."
"La tibżax! Marija l-anġlu tal-Mulej se jkun magħna tul it-triq kollha biex iħarisna."

Min jaf x'ħasset Marija meta flimkien ma' Ġużeppi u binhom Ġesu' kellhom jaħarbu mal-lejl u jmorru l-Eġittu. Dan is-sagrifiċċju għamluh biex isalvaw lil

binhom Ġesu'mill-mewt. Min jaf kemm hawn ġenituri li ta' kuljum ikollhom jgħaddu minn sagrifiċċji kbar biex jgħinnu lil uliedhom jikbru u jimmaturaw. Min jaf kemm hawn ġenituri oħrajn li għalkemm qed jagħmlu dak kollu li hu possibli biex irabbu lil uliedhom tajjeb, qed jaraw lil uliedhom jitbegħdu minn Alla. Marija u Ġużeppi għandhom ikunu xempju għal dawk il-ġenituri li għal xi raġuni jew oħra qed jaħarbu mir-responsabbiltajiet tagħhom biex jagħrfu li wliedhom għandhom bżonnhom.

Marija dejjem lesta li tgħinna biex ikollna dan il-kuraġġ, din il-fidi lejn Alla. Hija tgħinna naċċettaw deċiżżjonijiet diffiċli f'ħajjitna bla kundizzjoni.

**It-Tielet dulur**

It-Tielet dulur li ġarrbet Marija kien meta binha Ġesu' kien intilef u wara tlett ijiem sabitu jiddisputa mad-dutturi  fit-tempju. Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesu' kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa tal-Għid. Meta kellu tnax-il sena, huma telgħu skont id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-ġranet, qabdu it-triq lura, imma t-tifel Ġesu' baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu.
"Skużani Żakkarija, int lil Ibni Ġesu' rajtu?"
"Le, ma lmaħtu mkien jaqaw tliftuh?"
"Jien mingħalija kien ma' Ġużeppi."
"U jien mingħalija li kien ma' Marija. Tgħidx kemm fittixnih ma' ħbiebna u ma' qrabatna."
"Dak misskom żammejtuh magħkom il-ħin kollu."
"Għandek raġun Żakkarija, imma taf int illum Ġesu' kiber u mhux faċli żżommu miegħek il-ħin kollu."

"Ġużeppi min jaf kieku nerġgħu mmorru fit-tempju..."
"Marija kkalma tinkwieta xejn, il-Mulej qiegħed magħna u żgur mhux se jippermetti li jiġrilu xi ħaġa. Issa tara kif insibuh." ...

"Ġużeppi hemm arah, dak donnu Ġesu' tagħna."
"Iva hu kollu kemm hu. Grazzi Mulej Alla."
"Dak Ġesu' tagħkom? Prosit ħej x'tifel sar fih!"
"Għajjatlu Ġużeppi."
"Milli jidher induna bina, arah riesaq 'l hawn."
"Ibni taf kemm ilna nfittxuk, dan għaliex għamiltilna hekk? Taf kemm inkwetajna jien u missierek?"
"Għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?"

"Issa morru d-dar fis-sliem. L-aqwa li Ġesu' nstab. Il-barka tal-Mulej tinżel fuqkom."

Marija u Ġużeppi ma fehemux dak li qalilhom Ġesu', imbagħad huwa niżel magħhom u reġa' mar Nażaret fejn baqa' dejjem ubbidjenti lejhom.

X'għafsa ta' qalb ġarrbet Marija għat-telfa ta' binha. Tlett ijiem tfittxu bla ebda aħbar. Xejn ma qatgħalha qalbha u fil-pront tirritorna ma' Ġużeppi Ġerusalemm, fost l-għejja u l-biża', tfittxu b'dieqa ta' qalb.

Min jaf kemm-il darba aħna wkoll ħsibna li tlifnieh!
Ġesu', għinna dejjem insibuk ikun xi jkun iż-żmien f'ħajjitna.

Ejjew nersqu bit-talb tagħna lejn Ommna Marija, ħalli nieħdu s-saħħa kull darba li nitbgħedu minn binha Ġesu' minħabba d-dnubiet tagħna, u b'hekk b'kuraġġ nerġgħu nersqu lejn Ġesu' permezz tas-Sagrament imqaddes tal-Qrar.

**Ir-Raba' dulur**

Ir-Raba' dulur li ġarrbet Marija kien meta tiltaqa' ma' binha Ġesu' jġorr is-salib. Huma u sejrin bih qabdu wieħed jismu Xmuni minn Ċirene li kien ġej mir-raba u għabbewh is-salib biex iġorru wara Ġesu'. Kotra kbira ta' nies kienet mixja warajh fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh.

"Nisa ta' Ġerusalemm mhux lili ibku, iżda lilkom infuskom u lil uliedkom, għax ara, għad jiġi żmien fejn jgħidu: Hienja dik li ma għandix tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled, u s-sider li qatt ma redda'. Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji: 'Aqgħu fuqna' u lill-għoljiet: 'Ordmuna', għax jekk dan kollu qed jagħmluh liz-zokk li għadu aħdar, mela x'se jsir minnu meta jinxef?"
"Imxi u la tieqafx!"

"Jekk qed nara sewwa hemm xi krimnali qed iġorru s-salib ... Ġwanni! Ġwanni! Wieħed minnhom huwa Ibni Ġesu'!! Arah, jaħasra kif inhu kollu dmija! ... Ġwanni ħudni viċin tiegħu ħalli nkellmu."

"Għamel kuraġġ Marija, taqtax qalbek, imxi nkomplu nimxu t-triq tas-salib sakemm naslu fuq il-Golgota."

"Għinnuni wliedi għax qed inħossni bla saħħa, imma din kellha tkun il-volonta' t'Alla l-Missier. Jaħasra jkollkom ħniena minnu dak ma jiflaħx jimxi aktar! Ibni jiena qegħda nimxi u nbati miegħek. Ma niflaħx narak aktar f'din il-moħqrija!!"
"Għażiża Ommi din hija s-siegħa tiegħi u r-rieda ta' Missieri."

"Int mara żul minn nofs. Jaqaw dan jiġi minnek? Warrab, imxu."

Fejn hemm dulur akbar minn dan li omm tara lil binha f'din is-sura?
"Imxi d-dar għażiża ommi, ma tistax tkompli f'dan id-dulur."
"Le, hemm bżonn nibqa' mixja ma' Ibni Ġesu' sal-aħħar mumenti ta' ħajtu."
Min jista' jġarrab dik id-dehra t'Omm li b'tant delikatezza u mħabba tiġi wiċċ imb'wiċċ ma' binha l-għażiż fost folla li tkaxkar għall-mewt hekk kiefra u krudila, inkurunat bix-xewk u mgħobbi is-salib?

Aħna wkoll għandna s-salib tagħna xi nġorru. Marija se tgħinna nħarsu lejn binha Redentur, speċjalment meta nkunu mgħobbijin taħt it-toqol tal-problemi u tad-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom f'ħajjitna. Hawn xi ħadd li ma jħossx meta jara dik l-Omm hekk imnikkta? Iżd'aħna bid-dnubiet tagħna, inkunu kawża li nnifdu l-Qalb ta' Marija. Nistgħu ma nħossux dispjaċir għall-ingratitudni tagħna lejha?

Mela, ejjew inħarsu lejn Ġesu' u lejn Marija fid-dulur tagħhom u npoġġu s-sitwazzjonijiet diffiċli tagħna f'idejhom.

**Il-Ħames dulur**

Il-Ħames dulur li ġarrbet Marija kien meta hija baqgħet wieqfa taħt is-salib ta' binha Ġesu', flimkien ma' oħta Marija ta' Kleofa, Marija ta' Magdala u l-appostlu maħbub tiegħu Ġwanni.
"Ieqfu hemm intom fejn sejrin?"
"Nitolbuk ħniena ħallina nersqu viċin ta' Ġesu'."
"Intom min intom?"
"Jien Omm Ġesu' u dawn li għandi miegħi huma minn tal-familja. Nitolbuk ħallina nersqu ħdejh."
"Insomma mhux użanza li nħallu lil min jersaq viċin l-ikkundannati, imma lilkom se nħallukom. Għaddu.. Morru.."
"Grazzi!"

"Imxi Marija għamel kuraġġ."

"Mara hemm hu Ibnek."
"Ġwanni hemm hi Ommok."
"Ibni Ġesu', qalbi ma tiflaħx aktar għal dan id-dulur! Avolja qed tmut ħsibt fija wkoll?"
"Marija, rrid inwettaq ix-xewqa ta' Ġesu'. Inwegħdek li jien se nibqa' nieħu ħsiebek."

"U jiena wkoll Ġwanni, lilek u lid-dixxipli kollha, se nżommkom u nieħu ħsiebkom daqs uliedi."

Ejjew bl-imaġinazzjoni tagħna nħarsu lejn il-Kalvarju fejn naraw lil Ġesu' msallab u 'l Omm mbikkija. Kemm hija ta' dieqa li 'l Omm tara 'l binha msammar fuq is-salib. Kull daqqa tal-martell, kull kelma ta' żeblieħ u t-tinfida bil-lanza fil-kustat ta' Ġesu', kollha ħassithom Marija Addolorata ġewwa qalbha. Għajnejn Marija ma tħarrkux min fuq binha Ġesu' fuq is-salib, semgħetu jlissen l-aħħar kelmiet tiegħu qabel ma ħa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Hi sofriet dan kollu ma' binha Ġesu' għalina.

Marija, agħtina l-kuraġġ naffrontaw il-mewt ta' kuljum:
fid-dar, meta mhux dejjem ikun ward u żahar,
fuq ix-xogħol, meta ma nifthemux,
fil-ħajja tagħna ta' kuljum, meta nsibu t-tentazzjonijiet u jkonna mmutu għall-imħabba ta' binha.

Kemm qegħdin nifhmu xi tfisser is-sofferenza fil-ħajja tagħna sabiex it-tama fina qatt ma tonqos? Kemm qegħdin fit-tiġrib li niltaqgħu miegħu ninxteħtu quddiem Ġesu' u Ommu Marija biex insibu s-sabar tagħna?

**Is-Sitt dulur**

Is-Sitt dulur li ġarrbet Marija kien meta Ġesu' ġie mnissel minn fuq is-salib u mqiegħed fi ħdanha.
"Billi kien jum it-tħejjija tal-Għid, il-Lhud ma ridux li f'jum is-Sibt l-iġsma jibqgħu fuq is-salib, għax dak is-Sibt kien jum solenni għalihom. Is-suldati fuq l-ordni ta' Pilatu, kissru saqajn l-ikkundannati. Meta waslu għal Ġesu' billi raw li kien ġa mejjet ma kissrulux riġlejh, madanakollu wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu bil-lanza u minnufih ħareġ demm u ilma."

"Ibni għaliex se tħallini ninfena ġo qalbi sal-aħħar?"
"Marija mhux aħjar immorru ħalli ma narawx dil-kefrija kollha?"
"Ieqaf Ġwanni, jien irrid nixrob sal-aħħar qatra mill-kalċi li xorob ibni Ġesu' għax din hija l-volonta' t'Alla l-Missier."
"Marija jien naf li dik id-daqqa ta' lanza nifdet ukoll lil qalbek."
"Suldati, issa tistgħu tniżżlu l-iġsma minn fuq is-slaleb." ...

"Marija, aħna biss bqajna hawnhekk. Stabar Marija għax int wettaqt id-dmirijiet kollha ta' vera Omm ma' binha, t-tkażbir u ż-żeblieh li kien hawn, issa

spiċċaw u madwarna qed issaltan ħemda qaddisa ta' filgħaxija, li għandha sserraħ lill-qlub imweġġa'."
"Uliedi dak li sofra ibni Ġesu' jien soffrejtu miegħu. Issa kollox intemm, u mar fil-mistrieħ tal-Missier. Għalkemm għandi qalbi mifnija bin-niket, imma f'qalbi qed inħoss komfort u mistrieħ tas-sema. Hemm arahom qed iniżżlu lil Ġesu' minn fuq is-salib, ejjew inlestu l-liżar biex inkeffnuh fih. Nitlobkom iddumux ma ġġibuh fi ħdani!"
"Marija, ejja strieħ ftit hawnhekk tista' toqgħod bilqegħda fuq din il-blata. Hawn Marija ġejjin b'Ġesu'. "
"Ejja, ibni fi ħdani ħalli nerġa' nrossok ma' qalbi kif kont nagħmel meta kont għadek daqsxejn ta' tarbija. Jaħasra, araw ġismu kif inhu miksi bil-feriti."
"Marija minn dawn il-feriti għad trid tixxerred il-barka u s-salvazzjoni għall-bnedmin kollha."
"It-tbatijiet u l-mewt krudila li sofra, ibni, soffrejthom jien ukoll ġo qalbi bħal stallett aħrax, imma jien ma naqtax qalbi għax naf li fuq is-salib ibni Ġesu' feda lill-bnedmin kollha tad-dinja."

Ejjew naħsbu ftit fuq id-dulur l-aktar kiefer li fena l-Qalb imqaddsa ta' Marija meta rat lil binha Ġesu' mejjet fi ħdanha, kollu dmija u mimli ġrieħi u pjagi. L-ebda qalb iebsa meta tara din ix-xena tant krudila, ma ddubx mill-ebusija tagħha.

Ommna Marija Addolorata dejjem tkun lesta li tfarraġna fil-għawġ u l-mumenti ta' dgħjufija tagħna. Ejjew nirrikorru għand Marija ħalli noħorġu mid-dlam tad-dnubiet tagħna, mill-kaos li jista' jkollna f'ħajjitna. Ejjew niftħu jdejna bħal dawk ta' Ġesu' msallab u nilqgħu l-imħabba tiegħu mingħajr kundizzjoni.

**Is-Seba' dulur**

Is-Seba' dulur li ġarrbet Marija kien meta rat lil binha Ġesu' jiġi midfun. Wara l-mewt ta' Ġesu', Ġużeppi minn Arimatea li kien dixxiplu ta' Ġesu' bil-moħbi għax kien jibża' mill-Lhud, mar u talab lil Pilatu biex jieħu l-ġisem ta' Ġesu'. Pilatu ħallih u hu ġie u ħa l-ġisem tiegħu. Ġie wkoll Nikodemu, dak li qabel kien mar għand Ġesu' billejl, u ġab miegħu taħlita ta' morr u sabbara tiżen xi mitt libra.

"Marija jien u Nikodemu rrnexxielna nġibu l-permess meħtieġ biex lil Ġesu' nidfnuh aħna kif jixraq, fil-qabar tiegħi."
"Ma kinitx ħaġa faċli, imma sieħbi d'Arimatea nzerta li huwa l-uniku membru fis-Sinedriju li kellu relazzjoni tajba ma' Pilatu."
"Iċ-Ċenturjun jaf b'dan kollu?"

"Jien ħadt ħsieb ta' kollox."
"Il-Mulej Alla jberikhom għall-qalb kbira tagħkom."
"Issa nistgħu mmorru ħalli kif naslu fil-qabar nagħmlu dak li jitlob minna r-rit tad-difna."
"Marija, għamel kuraġġ! M'hawnx bogħod wisq." ...

"Fl-aħħar wasalna, serħu l-ġisem ta' Ġesu' hawn fl-art. Int Ġwanni flimkien ma' Nikodemu, ejjew ħalli ndawwru l-ġebla tal-qabar."
"Dan il-qabar jidher għadu ġdid."
"Iva, milux wisq li ħaffirtu. Xieraq li jindifen fih l-ewwel wieħed il-Maħbub tagħna Ġesu'."
"Issa naqbdu lil Ġesu' u noqgħodu attenti li ma niżolqux bih aħna u niżlin."
"Ejja, Marija għin ruħek ħalli tinżel magħna."
"Ġibtuhom magħkom il-fwejjaħ u l-faxxex tal-għażel?"
"Għal kollox ħsiebna. Issa dak ix-xogħol inħalluh għalikom in-nisa."

"Ħalluni narah għall-aħħar darba. Qalbi ma tiflaħx aktar għal dan id-dulur."
"Marija ftakar fil-kelmiet li Ġesu' kien qallek meta telaq minn Betanja, li int kellek taqsam, d-dulur tal-mewt u wkoll tar-rebħa tiegħu."
"Iva, niftakar li kien qalli dan il-kliem u jien hekk nemmen li se jseħħ."
"Jiena nemmen ukoll li Ġesu', mhux se jibqa' mifrud minna għal dejjem. Aħna għad irridu nerġgħu narawh fostna mill-ġdid. Huwa hekk wegħdna u l-Kelma tiegħu hija verita'."

Min jaf kif Qalb Marija Santissima splodiet bin-niket. Meta rat lil binha l-Maħbub imqiegħed fil-qabar. Aktar u aktar ma felħitx meta rat il-blata mgerba tagħlaq il-qabar qaddis.

Xieraq illi nagħlqu din il-mixja bit-talba tal-Papa Emeritus Benedittu XVI lill-Verġni Marija, meta kien żar lil dawk milquta mit-terremot qawwi ġewwa l-Italja:

O Verġni Marija, Omm wisq maħbuba tagħna, int li toqgħod qrib is-slaleb tagħna, bħalma bqajt ħdejn is-salib ta' Ibnek Ġesu', qawwi l-fidi tagħna sabiex anke jekk mifluġa bid-dulur, inżommu fissa l-ħarsa tagħna fuq il-wiċċ ta' Kristu, illi fih, it-tbatija estrema tas-salib, dehret l-imħabba kbira u safja t' Alla.

Omm tat-tama tagħna, agħtina l-għajnejn tiegħek biex 'l hinn mit-tbatija u l-mewt naraw id-dawl tal-qawmien. Agħtina l-qalb tiegħek biex inkomplu anke fil-mumenti tal-prova nibqgħu nħobbu u naqdu.

O Marija Santissima Sidtna tas-salib, itlob għalina.

## TALB, KURUNELLI U INNIJIET LILL-MADONNA TAĦT TITLI DIFFERENTI

### 47. Talba lill-Madonna tal-Mirakli

O Verġni glorjuża Omm Ħanina tagħna, verament li inti l-Madonna tal-Mirakli għall-grazzji kbar li xerridt u għadek ixxerred fuq dawk li fin-niket tagħhom lejk jirrikorru. Jien mill-fond ta' qalbi u bid-dmugħ f'għajnejja nitolbok, o Omm ħanina, ikollok ħniena minni, titlob lill-Iben Maħbub tiegħek li jagħtini l-grazzja li tant nixtieq (issemmi l-grazzja) u jiena nwiegħdek li nfittex inkabbar id-devozzjoni lejk u l-imħabba lejn Ġesu' Salvatur tagħna.

### 48. Talba lill-Madonna Ta’ Pinu

O Verġni Mqaddsa Omm Alla Marija, mgħollija s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, li permezz ta’ Karmni Grima għazilt dan il-post biex minnu xxerred xita ta’ grazzji fuq min jitlob l-għajnuna tiegħek, ixħet, nitolbok, ħarsa ta’ ħniena fuq id-dinja mqallba u mbeżża', biex kif int ħlist mill-hemm lill-għarajjes ta’ Kana, hekk ukoll teħles lill-umanita' minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem.

Agħmel li l-bnedmin kollha jħobbu lil xulxn bi mħabba ta’ aħwa. Ħares ukoll, Omm l-aktar ħanina, il-familji tagħna, li minnhom tissawwar is-soċjetá umana, biex jgħixu ħajja onesta, hienja u qaddisa fl-għaqda dejjiema taż-Żwieġ.

Imma fuq kollox, nitolbok, ħenn għalija li qed inbati taħt it-toqol tas-salib. Jekk mhux ta’ deni għal ruħi, agħmel li (semmi l-grazzja li tixtieq taqla’)... Iżda, jekk hija r-rieda tal-Mulej li jiena ma naqlax il-grazzja li qed nitolbok, agħtini l-qawwa li nerfa’ din it-tbatija u ngħaqqadha mas-Salib ta’ Ibnek Ġesù. Omm tiegħi Marija, għinni biex bħalek, b’ħarsti kollha lejn Alla, naċċetta bil-qalb ir-rieda tiegħu, u miegħek nistqarr: “Ħa jsir minni skond kelmtek”.

O Madonna Ta’ Pinu, żommni taħt il-ħarsa tiegħek biex niżgura ruħi li s-sabar ta’ din il-ħajja jwassalni għall-hena tal-ħajja ta’ dejjem, fis-Sema pajjizna.

(Għid tliet Ave Marijiet f’ġieħ it-tlett ijiem li l-ġisem ta’ Marija dam fil-qabar)

Madonna Ta’ Pinu, Sultana tal-familja: itlob għalina u ħarstek fuqna dejjem żomm.

**49. Talba lill-Madonna tas-Saħħa**

Omm Qaddisa tal-Kbir Alla, taħt il-mant tiegħek ilqagħna! La tirruftax it-talb minn tagħna fil-ħtiġijiet kollha tagħna! Dana lilek aħna ngħidu: O Marija, kun dejjem magħna! Mill-perikli inti ħarisna, bit-talb tiegħek int qaddisna. Kun magħna dejjem pjetuża, o Verġni mbierka u glorjuża!
(Itlob il-grazzja li tixtieq taqla')

Jingħadu 3 Ave Marijiet u Salve Regina
Saħħa tal-Morda, itlob għalina.

**50. Talba lill-Madonna li tħoll l-għoqiedi tal-ħajja**

Verġni Marija, Omm tal-Imħabba, Omm li qatt ma nqast li tiġi qrib uliedek, l-aktar lejn dawk li huma mweġġgħa. Omm li jdejk qatt ma waqfu li jgħinu u jaqdu lill-għeżiez uliedek, għaliex inti kollok tjieba u ħniena; ħniena li ġejja minn qalbek u li tħares dejjem lejja f'dan il-wied tad-dmugħ. Nitolbok għalhekk biex tħoll l-għoqiedi ta' ħajti.

Inti taf sewwa kemm inħossni mifni fit-tbatijiet tiegħi, b'dawn l-għoqiedi li qed jorbtuni mad-dinja u mal-ħażen. Marija, inti li Alla għażlek biex tkun dik li tħoll l-għoqiedi ta' ħajjitna, ta' wliedna, nittama fik illum u npoġġi f'idejk il-ħajja tiegħi. Ħadd, lanqas ix-xitan, ma għandu qawwa akbar minnek. Lejk indur u nitniehed u nitlob il-kenn tiegħek. F'idejk hija ħajti, ma hemmx għoqda waħda li inti ma tistax tħollha.

Omm qawwija, bil-grazzja tiegħek u bl-interċessjoni tiegħek quddiem Ibnek Ġesu' il-Ħellies ta' kulħadd, inpoġġi quddiemek illum l-għoqdiet ta' ħajti. (Semmi l-grazzja li għandek bżonn). Nitolbok b'fidi, biex tħoll kull għoqda.

Ismagħni, mexxini, ħarisni, kenn tiegħi. Nixtieq nibqa' għomri kollu nfaħħrek għal tant imħabba li wrejt miegħi. Ammen.

**51. Talba lil Marija għajnuna tal-Insara**

O Marija għajnuna tal-insara, ħadd ma resaq lejk, talbek u inti ma smajtx it-talba tiegħu. Jiena serva umli tiegħek, mimlija fiduċja, lejk nirrikorri, f'riġlejk nintefa', fi ħdanek nintelaq, u b'qalb devota u niedma lilek nitlob. Omm ta' Ġesu' jiena żgura li meta jasal il-waqt tisma' talbi u tagħtini dak li qed nitolbok. F'ġieħ Kristu nnifsu. Ammen.

**52. Talba lill-Madonna tal-ward**

O Omm tagħna, aħna rridu nfaħħruk u nqimuk taħt dan it-titlu tal-Madonna tal-Ward. Aħna rridu nagħtu ruħna kollna lilek u b'xhieda tad-devozzjoni tagħna lejk nikkonsagrawlek kollna kemm aħna lilek. U għaliex aħna kollna tiegħek, o twajba Omm, żommna u ħarisna bħala ħaġa tiegħek u li qiegħda f'idejk. Xerred fuqna l-grazzja tiegħek u berikna. (Sliema għalik Marija…)

**53. Talba lill-Madonna tas-sokkors perpetwu**

Omm ħanina tas-Sokkors Perpetwu, minn idejk jgħaddu l-grazzji kollha li Alla jagħtina. Għalhekk Hu għamlek tant setgħana u għanja biex tkun tista' tgħinna fi ħtiġijietna. Int l-avukata ta' kull min jersaq lejk; il-faraġ ta' min ifittex il-protezzjoni tiegħek.

Għinni Madonna! F'idejk nerħi ruħi. F'idejk inqiegħed is-salvazzjoni tiegħi. Għoddni bħala persuna l-aktar miġbuda lek. Żommni taħt il-ħarsien tiegħek, u dan hu biżżejjed għalija. Jekk int, ja Marija, tħarisni u tidħol għalija, minn xejn ma nibża' għax naf li int tagħmel dan quddiem Ibnek Ġesu'.

Sbejħa Madonna, għinni nimtela bl-imħabba lejn Ibnek, żomm idejk fuqi, fuq il-familja tiegħi u fuq pajjiżi, bierek il-ħidma ta' dawk kollha li qed jagħmlu t-tajjeb u lili agħtini l-grazzja li fil-mumenti iebsa u f'kull tfixkil, nirrikorri lejk u ngħidlek: Omm tas-Sokkors għinni int; la tħallinix nitbiegħed minn Alla tiegħi.

(jingħadu 3 Ave Marijiet)

**54. Talba lill-Madonna ta' Fatima**

O Marija, Omm ħanina tal-bnedmin, ħallina nersqu lejk bħala wliedek, u miegħek u bit-talba tiegħek tar-Rużarju, ngħollu leħinna biex infaħħru 'l Alla l-Missier li ħatrek bħala bintu, 'l Alla Ibnek li għamlek Ommu, 'l Alla l-Spirtu Santu li ħabbek b'għarustu. Bid-dehriet u l-għeġubijiet ta' Fatima inti twettaq dak li int għedtilna kemm-il darba fuq ir-Rużarju f'dehriet oħra ta' qabel. Kompli issa l-wegħdiet tiegħek, u aqlagħlna l-grazzja li qed nitolbok... Qed nitolbok din il-grazzja f'ġieħ il-misteri tal-ħajja, tbatija, mewt u qawmien ta' Ibnek Kristu Sidna. Ammen.

**55. Talba lil Sidtna Marija tar-Rużarju ta' Fatima**

Omm il-bnedmin kollha nixtieq li nressaq quddiem il-Qalb tiegħek bla tebgħa, il-ferħ u t-tamiet tiegħi flimkien mal-problemi u l-weġgħat tiegħi u ta' dawk kollha li jirrikorru lejk fil-bżonnijiet kollha tagħhom. Ja Omm l-aktar ġentili u ħanina, inti taf lil kull waħda minna b'isimha u żgur li tagħrafna mill-fattizzi tagħna u mill-istorja personali tagħna. Iżda full kollox, inti tħobbna b'imħabba ta' Omm li taf il-bidu tagħha fil-Qalb tal-Ħniena Divina. Għalhekk nagħmel kuraġġ, u lejk nersaq, f'idejk nintelaq, lilek nafda, waqt li nikkonsagralek dak kollu li jien u li għandi, ja Omm Qaddisa u ħanina tiegħi. Ammen.

(Din hija t-talba li għamel il-Papa Benedittu XVI quddiem il-Madonna ta' Fatima f'Mejju 2010)

**56. Kurunella tal-Madonna ta' Fatima**

Ħdejn Fatima dehret l-Omm tagħna Marija,
liċ-ċkejkna tliet rgħajja, tfal safja u għaqlija. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

"Sinjura Żagħżugħa" imdawra bid-dija,
bil-ġmiel u bil-ħlewwa tas-sema mogħnija. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Ilbiesha bajdani, jgħattilha riġlejha,
kuruna sabiħa, imdendla f'idejha. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

"Min fejn inti ġejja?", staqsietek Luċija:
"Is-Sema pajjiżi", weġibt, o Marija. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Għidtilhom jitolbu għall-midneb, għall-ħati,
biex jibdel fis ħajtu, u le jmur ibati. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Dik qalbek urejthom bil-grazzja mimlija,
bl-imrar u bin-niket, tal-ħżiena mifnija. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Int ridthom, ibatu, sabiex ipattulek,
għal dik il-moħqrija li l-kiefra jagħmlulek. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Kastigi tal-biża', dhert int biex tħabbrilna,
li mħabba ħtijietna, ilkoll jistħoqqilna. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

B’dan ridt fina tqanqal mibgħeda għall-ħtija,
li magħha ġġib fuqna hemm, biki w tbatija.  Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Imbierek Missierna li tam’oħra tana,
f’dik qalbek bla tebgħa, wisq ħelwa u setgħana. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Għemil ta’ tpattija, int tlabtna nagħmlulek,
biex qalbek imnikkta, bl-imħabba nfarrġulek.  Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Biex lilek ġieħ nagħtu O xebba, Omm, Sidtna,
li ngħidu r-Rużarju kuljum inti ridtna.  Ave, Ave, Ave Marija (x2)

“Teħtieġ penitenza” int fl-aħħar wissejtna,
Hekk biss jistħoqqilna il-ħniena li wrejtna. Rit:

O Sidt tar-Rużarju, O ħelwa, O pija,
għas-Sema mexxina, Omm tagħna Marija.  Ave, Ave, Ave Marija (x2)

**57. Kurunella tal-Immakulata Kunċizzjoni ta’ Lourdes**

Jiem tad-Dehriet:
Frar: 11, 14, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 27, 28.
Marzu: 1, 2, 4, 25.
April: 7.
Lulju: 16.

Sliem għalik, o Vergni Mqaddsa,
l’Inti dehert lil Bernardina
ġewwa l-grotta minn ta’ Lourdes,
biex imħabbtek int turina.  Sliema.

Lilha dehert tmintax-il darba
bħala xemx tiddi bid-dija,
b’libsa bajda u faxxa kaħla
kollok ħlewwa u sbuħija.  Sliema.

Fuq ix-xitla minn tal-ward,
int serraħt riġlejk ħafjin
u f’kull riġel kellek warda
minn ta’ deheb l-iżjed fin.  Sliema.

U f’idejk kellek kuruna
b’żibeg abjad bħall-ħalib
biex turina l’inti dejjem
fir-Rużarju l-għaxqa ssib.  Sliema.

Inti tlabt lil Bernardina
bi kliem ħelu kollu ħrara
sabiex tiġi f’dik il-grotta
lilek trodd ħmistax-il żjara.  Sliema.

Lilha għedt għal daż-żjarat
minni l-ħlas għandek tistenna
mhux il-ġid ta’ dina l-art
iżda l-glorja minn tal-ġenna.  Sliema.

Bid-dmugħ nieżel minn għajnejk
għall-ħtijiet minn tal-bnedmin
int tennejt lil Bernardina
titlob wisq għall-midinbin.  Sliema.

Penitenza, Penitenza,
penitenza tliet darbiet
erġajt għedt, sabiex il-maħfra
aħna jkollna mis-smewwiet.  Sliema.

Bgħattha tgħid lill-qassisin
jibnu Knisja f’dak l-irdum,
fejn il-qima tal-Insara
jista’ jkollok hemm kuljum.  Sliema.

Ridt ukoll barra mill-Knisja
illi ssirlek purċissjoni
għal ġol-grotta li qaddist,
b’din il-kbira apparizzjoni.  Sliema.

Biex biċ-ċar l-għamara tiegħek
hemm turina l’inti htart
għajn tal-ilma l-iżjed safi
nissilt b’għaġeb minn ġo l-art.  Sliema.

Inti għedt lil Bernardina
li tinħasel f'dik il-għajn,
tixrob minnha, l-ħaxix tiekol
li kien trabba qalb it-tajn.  Sliema.

U b'dak l-ilma minn tas-saħħa
l-eħżen nies saru tajbin,
qalgħu l-qawwa l-morda kollha,
sabu l-faraġ l-imnikktin.  Sliema.

Meta b'dawn il-grazzji kollha
rajt id-dinja ikkonsolata,
Jiena jien il-Kunċizzjoni
mort għedtilha, Immakulata.  Sliema.

Tkun imbierka mela dejjem,
o Konċetta mingħajr ħtija,
taħt t-titlu minn ta' Lourdes
lilek nagħtu kull foħrija.  Sliema.

**Nitolbu**
O Verġni Immakulata, Omm tal-ħniena, saħħa tal-morda, refuġju tal-midinbin, konsolatriċi tal-imnikktin, int tagħraf l-bżonnijiet tiegħi, it-tbatijiet tiegħi, ixħet fuqi l-ħarsa ħanina tiegħek. Bid-dehra tiegħek, fil-Grotta ta' Lourdes, Inti ridt li ssir lok magħżul mnejn ixxerred il-grazzji tiegħek, u diġa' bosta msejknin sabu r-rimedju tal-mard tagħhom fr-ruħ u l-ġisem.

Niġi jiena wkoll mimli tama sabiex nitolbok il-grazzji ta' Omm: isma' Omm ħanina, it-talb umli tiegħi, sabiex mimli bil-benefiċċji tiegħek, nagħmel kemm nista' biex nimita' l-virtu' tiegħek, biex ġurnata jkolli sehem fil-glorja tiegħek tas-sema. Hekk ikun.

Omm tagħna tal-Lourdes, itlob għalina. Santa Bernardina, itlob għalina.

**58. Fjur tal-Karmelu (Flos Carmeli)**

Fjur tal-Karmelu,
dielja bil-frott mgħobbija,
dija tas-sema,
xebba li waħdanija,
B'ġieħ t'omm tiftaħar.

Omm l-aktar ħelwa,
li ġmielek qatt ma ttabba',
lill-Karmelitani
ħniena uri u mħabba,
kewkba tal-baħar.

**59. Fjur tal-Karmnu gran Reġina**

Fjur tal-Karmu gran Reġina
Omm ta' Kristu wisq ħanin,
itlob dejjem int għalina,
li ninsabu midinbin. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

O Sinjura, ifraħ magħna,
b'Ġesu' Ibnek irxuxtat,
lilna għinna sa ma naslu,
fl-istess sebħ li ma jgħib qatt. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

B'Omm il-Knisja ġejt magħżula,
magħna xxandar din l-aħbar,
wara l-mewt, salib u difna,
Kristu llum gglorifikat. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Int l-Għarusa tal-Ispirtu,
itlob magħna f'dan iż-żmien,
sa ma qalbek tkun tirrenja,
w fik kulħadd isib l-għejxien. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

It-tlugħ tiegħek lejn is-Sema,
ifakkarna f'dak iż-żmien,
fejn għad naslu nfaħħru 'l Alla,
flimkien f'ħajja ta' bla tmiem. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Aħna lkoll flimkien mal-anġli,
ntennu l-innu ta' tifħir,
magħhom bl-Ave inselmulek,
O Sultana b'għaġeb kbir. Ave, Ave, Ave Marija (x2)

**60. Innu Popolari lil Marija Assunta**

Int kont dejjem fil-ħsieb tal-kbir Alla;
lilek ħabbar ġewwa l-ġenna tal-art,
fl-isbaħ ġnien sar il-bniedem jaf b'ismek,
fost il-għaxqa u l-fwieħa tal-ward.

Int ridt o Marija li ħajtek tkun tixbaħ,
lil warda fi-ġonna fid-dawl taż-żerniq,
biex tfisser is-safa' l-imħabba li tgħaqqad
il-bniedem ma' Alla li hu l-Ħallieq.

U bla tebgħa Marija ġejt fostna,
kewkba mdawvvla fl-aqwa dalma tal-lejl,
meta int bl-iva li għedt lill-anġlu,
tajtna 'l Ibnek li huwa l-Feddej.

Int tlajt o Marija, fejn Ibnek fis-sema,
sabiħa, glorjuża bil-ġisem u r-ruħ,
fost ferħ u kant ħelu tal-anġli,
hekk safa kif tħabbar il-ħażen mirbuħ.

**61. Innu antik miktub l-Imqabba lil Marija Assunta** (Carmelo M. Camilleri)

Sliem għalik o Verġni safja,
li minn Alla ġejt maħtura,
sabiex tkun Omm l-Iben tiegħu,
u għarusa l-aktar pura.

Iv' għarusa l-aktar pur,
tal-Ispirtu qaddis tiegħu,
għaliex lilek ried Reġina,
fil-kbir renju tgħammar miegħu .

Qalb il-kotra minn tal-anġli,
fuq kemm huma l-qaddisin;
lilek ried bħal avukata
tal-imsejkna midinbin.

Lilek għażel bħala Torri
o kbira Verġni Marija!
Sabiex tirbaħ lill-għedewwa,
minn tal-Fidi nisranija.

Lilek ħatar fost tant ħlejjaq,
sabiex taqsam id-duluri,
ma' Ġesu fuq il-Kalvarju,
sabiex kobor Alla turi.

Ried biss bik jagħti eżempju,
f'din id-dinja lill-bnedmin,
kif għandhom isofru d-dwejjaq,
biex isiru qaddisin.

Mel'o Kbira Protettriċi,
tal-Imqabba, art qaddisa,
li għażiltha sa minn dejjem,
bħala bintek il-għażiża.

Sabiex tgħożżok ġewwa darha,
bħala bint maħbuba tiegħek.
Biex tħarisha mid-disgrazzji,
u tħaddanha dejjiem miegħek.

Mel'o Kbira Verġni Mqaddsa,
fuqha xerred id-dawl tiegħek
biex ma' wliedha żgur tkun lesta,
li l-kbir Alla tfaħħar miegħek.

Ta' dat-talb fis agħti widen,
tħalliniex hekk imbikkijja,
ħarsa ħelwa dawwar fuqna,
sabiex ruħna tkun mhennijja.

Ftakar biss li tama kbira,
għandna fik, Verġni Marija,
li bit-talb imqaddes tiegħek
niġu mnaddfa minn kull ħtija.

U bla biża' nikkumbattu,
kontra l-għadu tar-ruħ tagħna,
u noħorġu żgur rebbieħa,
għaliex int tkun qiegħda magħna.

Mela fis o Verġni Mqaddsa,
lilna għatti bil-mant tiegħek,
sabiex wara din l-ħajja,
ilkoll niġu ngawdu miegħek.

Dak il-premju inwiegħed mn'Alla,
Lill-bnedmin ta' qalb ħanina,
li teħlishom il-qalb tiegħek,
b'dik imħabbtek, o Reġina.

**62. Kanzunetta lill-Madonna** (Charlon Grima)

Ġejt quddiemek biex nitgħaxxaq u ngawdik,
ninxteħet hawn f'riġlejk b'imħabba qawwija.
Int Reġina fewwaħt id-dinja b'dak il-ġmiel,
għax jistħoqqlok kull foħrija u l-għola ġieħ.

Imbagħad ġew l-anġli jżejnuk biex fil-ġenna aħna nqimuk,
titfa' ħarstek fuqna lkoll u lkoll aħna nfaħħruk.
Nitolbuk o Marija biex tgħaqqadna f'armonija,
int imżejna b'kull virtu' biex tgħaqqadna ma' Ġesu'.

Ħarsu lejha lejn l-isbaħ kewkba tas-smewwiet,
tixħet fuqna raġġ ta' dawl u verita'.
Int Padruna, tajtna r-rużarju b'kuruna,
inkurunata mit-Trinita' għall-eternita'.

Għalkemm imnissla bla ebda tebgħa,
rajt lil Ibnek iġorr salib.
Għalhekk is-sejf mifdi f'qalbek,
kisiblek is-sliem bla tmiem.

### 63. Talba antika lill-Madonna ta’ Pinu għall-Vokazzjonijiet

O Sultana tas-sema, meqjuma taħt it-titlu “Ta’ Pinu”, nitolbuk, f’ġieħ it-tlitt ijiem li ġismek dam magħluq fil-qabar, li tieqaf magħna u mal-familji tagħna u tiddefendina mill-għedewwa ta’ ruħna u ġisimna.

Fuq kollox, nissel fostna, o Marija, għadd kbir ta’ sejħat għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża sabiex, imsawra taħt il-ħarsien tiegħek, jitqaddsu huma u jqaddsu wkoll lil sħabhom u hemm imxerrda lkoll mad-dinja, jagħtu lill-ġnus kollha lil Ibnek Ġesu’ Ostja. Ammen.

### 64. Innu lill-Madonna tal-Karmnu (1)

Madonna tal-Karmnu,
li tant inħobbuk,
arana madwarek,
‘il qlubna nagħtuk

Fil-Labtu li tajtna,
insibu l-mistrieħ
tal-qalb li bla heda,
tissaħħar għalih.

Int, Ommna Marija,
int ġmiel tas-Smewwiet,
ilqagħhom bil-ferħa
ta’ qlubna, l-għanjiet.

Hu ħeles lil Xmuni,
mill-biki w l-imrar
u refa’ lill-Ordni,
kif lemħu fix-xfar.

Hu lilna jeħlisna,
mill-hemm li f’kull ħin,
inġarrbu f’ħajjitna,
imsejkna bnedmin.

Għalhekk fuq sidirna,
ma’qalbna nrossuh,
u bl-akbar imħabba,
ilkoll li ngħożżuh.

Fis-siegħa ta’ mewtna,
nagħfsuh iżjed magħna,
ħdejn Alla hu lilna,
għad jieħu ferħana.

Madonna tal-Karmnu,
kun int l-hena tagħna,
fid-dar ta’ kull malti,
kun ‘l Omm u s-Sultana.

**65. Innu lill-Madonna tal-Karmnu (2)**

Warda safja tal-Karmelu,
kollok safja, kollok fwieħa,
isma’ l-ilħna, l-qlub ferrieħa,
tagħna wliedek li nħobbuk.

O Magħżula, Verġni Mbierka,
bl-ebda ħtija qatt imtebbgħa,
oh, li konna fl-oħla mħabba,
kif jixraqlek inqimuk!

**66. Innu Popolari lill-Madonna tal-Karmnu**

Fjur tal-Karmelu tfewwaħ,
bi qlubna inħobbuk.
Omm il-Feddej w Omm tagħna,
b’fomm wieħed infaħħruk.

Aħna l-Karmelitani,
bik aħna tant kburin,
għax int tagħtina l-qawwa,
biex nibqgħu fil-qalb safjin.

Min jixħet ħarstu fuqek,
u jħares f’għajnejk ħelwin,
jimxi fi triq li twassal,
għal dar Ibnek mal-Qaddisin.

Int tajtna Labtu mqaddes,
li tul iż-żminijiet,
fost il-ġemgħa ta’ wliedek,
wettaq l-għeġubijiet.

Bil-labtu fuq sidirna,
ma naqtgħu qalbna qatt,
ngħaddu mill-mewġ tal-ħajja,
u żgur ma jintilfu qatt.

Int wegħdtna li min jilbsu,
dal-labtu jżommu sħiħ,
fl-aħħar ta' ħajtu jsibek,
f'bieb il-ġenna qed tistennih.

Fjur tal-Karmelu ħares,
fuq il-gżejjer Maltin,
żomm idejk fuq dal-poplu,
li ħabbek tul is-snin.

Sultana tal-qalb tagħna,
Omm Alla u l-bnedmin,
żomm sħiħa f'Malta tagħna,
l-imħabba lejn Ibnek Divin.

Aħna l-Karmelitani,
din l-għanja ngħannu flimkien,
biex tibqa' sħiħa l-għaqda,
u tissaħħaħ tul iż-żmien.

**67. Talba lill-Madonna ta' Pinu għall-Vokazzjonijiet**

O Madonna ta' Pinu, int li kellek kuraġġ tħaddan fik il-ħolma ta' Alla, billi qiegħedt iż-żgħożija u l-ħeġġa tiegħek f'idejh; ispira u ħeġġeġ lil dawk li l-Missier isejjaħ għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża biex fuq l-eżempju tiegħek illissnu b'ħeffa l-"Hawn jien" għall-ġid tagħhom, ta' qrabathom u tad-dinja kollha.

Għin lil dawk li l-Missier u l-Knisja jagħżlu, biex jaqduk fis-Santwarju ta' Pinu u jżommu ħajja s-sejħa tiegħek f'dan l-imkien qaddis, billi, jilqgħu b'imħabba lil dawk li inti ssejjaħ għal dan il-post, joffrulhom is-silenzju sagru biex jiskopru l-vuċi tiegħek, iwiżnuhom fl-irfieħ ta' salibhom, u jispirawhom biex jifhmu li ta' din id-dinja kollox jgħaddi, u li wara kollox Alla biss se jibqa'.

## TALB IEĦOR

### 68. Marija, ħu ħsiebi

Santa Marija, Omm Alla,
ħu ħsiebi,
biex ikolli qalbi bħal dik ta' tifel.
Qalb sempliċi, li ma tingħalaqx fiha nnifisha,
tberren fuq id-dwejjaq tagħha....
imma qalb miftuħa,
li tagħti lilha nnifisha lil ħaddieħor,
ħafifa biex tifhem u tagħder;
qalb fidila u ġeneruża,
li ma taf iżżomm fiha l-ebda mibegħda għal xi għemil ħażin li jsirilha.
Kabbar fija qalb twajba u umli,
li tħobb mingħajr ma tistenna li tkun maħbuba,
lesta biex tintilef fi qlub oħrajn;
qalb kbira li ebda ingratitudni
ma tista' tagħlaqha fiha nnifisha,
u ebda indifferenza ma tista' tgħajjiha:
qalb mimlija bil-glorja ta' Ġesù,
minfuda bl-imħabba tiegħu,
pjaga li ma titfejjaqx,
jekk mhux fis-Sema.

### 69. Talba lill-Madonna għall-ħarsien tal-familja

Marija Ommna Sultana tal-familja,
nixtiequ nafdawlek il-futur li qed
jistenniena, u nitolbuk tibqa'
dejjem magħna.

Dan huwa żmien straordinarju,
li fih progress teknoloġiku u
kontradizzjonijiet kbar.
Għandna f'idejna mezzi li jistgħu jbiddlu
saħansitra l-proċessi ewlenin tan-natura.
Illum ninsabu f'salib it-toroq u nistgħu
naqgħu fl-egoiżmu u l-kburija fiergħa.

Nafu li m'hemmx salvazzjoni
jekk mhux fi ħdan Ibnek Ġesù,
li fih irridu nintelqu,
biex nagħmlu dak li jgħidilna Hu.

Omm l-aktar Qaddisa,
nixtiequ neħduk magħna f'darna,
bħalma għamel Ġwanni l-appostlu.
Nixtiequk tItlob lil Ibnek Ġesù
jfawwarna bil-milja tal-Ispirtu s-Santu,
għajn ta' kull ħajja.

Lilek Marija nafdaw il-familji kollha tagħna.
Idħol għalina sabiex għemilna u kliemna jkunu dejjem,
ta' glorja u tifħir lil Alla,
il-Ħallieq tal-Ħajja u l-Imħabba. Ammen.

**70. Sinjura Awgusta tas-Sema**

Sinjur Awgusta tas-Sema, Sultana tal-Anġli, inti li mill-bidu nett irċevejt mingħand Alla, l-qawwa u l-missjoni li tisħaq ras Satana, bl-umilta' kollha nitolbuk tibgħat il-leġjuni qaddisin tiegħek, li taħt il-kmand tiegħek u bil-qawwa tiegħek, huma jfittxu lix-xjaten fil-moħba tagħhom, jitqabdu magħhom, iġibu fix-xejn għemilhom u jwaddbuhom fl-abbiss.
Min hu bħal Alla?

Omm twajba u ħelwa, kun inti dejjem l-imħabba u t-tama tagħna. O Omm Divina, ibgħat l-Anġli u l-Arkanġli sabiex iħarsuna u jżommu l-għadu kiefer 'l bogħod minna.

Anġli qaddisin u Arkanġli, iddefenduna u ħarsuna. Ammen.

**71. Ħelwa Marija**

Ħelwa Marija, ismagħni ftit,
qegħda nitolbok u nistaqsik,
għaliex il-gwerer, it-tbatijiet,
id-dinja tagħna mimlija nkwiet?

Għaliex it-tfal fost l-imsejknin,
l-aktar li jbatu f'kull waqt f'kull ħin,
nuqqas ta' ikel, abbużi kbar,
nitolbok tneħħi minn dan l-imrar!

O qalb ħanina, idħol għalina,
bħalm'għamel Ibnek sabiex jifdina.
Ipprovdi 'l dawk li jbatu l-ġuħ,
filwaqt li trażżan lil dawk bla ruħ!

Tfal jiġġerrew kollha mċerċrin,
fil-bard tal-lejl għax imċaħħdin.
Marija, ismagħni, minn qalbi rrid,
miż-żejjed tiegħi, nibgħat xi ftit.

Kemm hawn tfal morda fl-isptarijiet,
qegħdin isofru maż-żminjiet.
Ħaddanhom miegħek, ressaqhom lejk,
ikunu waslu biex jiġu ħdejk.

Nixtieq li llejla qabel nistrieħ,
inwassal talba biex minnufih,
in-nies tad-dinja jifhmu 'l xulxin,
u ma nibqgħux hekk mifrudin!

**72. Talba tal-Familja**

Mulej Ġesu', int li twelidt u għext f'familja bħal tagħna. Familja b'mument ta' ferħ, bħal meta twelidt int u ġew l-anġli, ir-rgħajja, il-maġi... bħal meta semgħu li bdejt tagħmel il-mirakli, fit-tieġ f'Kana, it-tkattir tal-ħobż, il-fejqan tal-morda, u saħansittra l-qawmien tal-mejtin. Min jaf x'ferħ ħassew ommok Marija u missierek Ġużeppi (sakemm dam ħaj) quddiem dawn il-ġrajjiet!

Imma fil-familja tiegħek mhux biss ferħ kien hemm. Kien hemm mumenti ta' tensjoni, qtigħ il-qalb, nuqqas ta' tama: ma sabux post diċenti fejn iwellduk, kellhom jaħarbu bik għax Erodi ried joqtlok, tilfuk meta kellek tnax-il sena, raw lin-nies jippruvaw iwaddbuk minn sies għal isfel, semgħu n-nies jgħidu li inti tlift rasek, u fl-aħħar nett ommok ratek ukoll minxur fuq salib!

Dan is-sabiħ u l-ikrah imħalltin flimkien aktarx kienu s-sors ta' maturita' familjari kbira. Frott ta' dawn, intom ksibtu virtujiet umani permezz tat-tbatija,

virtujiet spiritwali frott il-fiduċja f'Alla, u wasslu lil ommok tgħożż is-sabiħ f'qalbha, għożża li għenitha ma tikkrollax quddiem is-salib tiegħek.

Għinna, biex bħalma ġara fil-familja tiegħek, aħna wkoll nitgħallmu ngħożżu l-esperjenza tagħna bħala familja: għinna qatt ma ninsew il-grazzji li nirċievu kontinwament mingħandek. Nitolbuk, għinna, biex bħalma ġara fil-familja tiegħek, meta jiġi s-salib, ma jfarrakniex, iżda jgħinna nissaħħu u nimmaturaw.

**73. Talba lil Marija biex inkomplu nitqaddsu fir-Randan**

O Marija, int li ma tafx x'inhu dnub: għandek qalb kollha ħniena għall-midinbin, qalb iffurmata mill-Iben li inti stess ffurmajt f'ġufek, qalb li taf tħenn u taħfer, qalb li wasslitek tibqa' wieqfa u mimlija mħabba waqt li Ibnek il-waħdieni kien qed jiġi mislub.

Nitolbuk Marija, biex filwaqt li nkomplu nintebħu bl-imħabba tiegħek ta' Omm, f'dan ir-Randan inkomplu nħabirku biex inżommu 'l bogħod minn kull tinġis tad-dnub, u b'hekk insiru nixbhu dejjem iktar lil Ibnek u ħuna l-kbir Ġesu'.

**74. Marija, għinna nkunu xandara ta' Ibnek**

Verġni u Omm tagħna Marija, inti li, imqanqla mill-Ispirtu, ilqajt il-Verb tal-ħajja, għinna llisnu l-"Iva" tagħna għas-sejħa urġenti, tagħfas iktar minn qatt qabel, li nsemmgħu mill-ġdid il-Bxara t-Tajba ta' Ġesu'.

Agħtina l-kuraġġ qaddis li nfittxu toroq ġodda biex jasal għand kulħadd id-don tal-ġmiel li ma jintefiex.

Int, Verġni tas-smigħ u tal-kontemplazzjoni, aqbeż għall-Knisja, li tagħha int ix-xbieha l-iżjed safja, biex qatt ma tingħalaq fiha nfisha u qatt ma tehda fil-passjoni tagħha biex twaqqaf mill-ġdid is-Saltna.

Omm il-Vanġelu ħaj, għajn ta' ferħ għaċ-ċkejknin, itlob għalina.

**75. Il-Verġni Omm Alla, Marija**

O Verġni Mqaddsa Marija, fik niċċelebraw l-għemejjel kbar ta' Alla li qatt ma jegħjja jitbaxxa bil-ħniena tiegħu biex jilħaq lill-ġens tal-bnedmin, mgħakkes mill-ħażen u miġruħ mid-dnub, biex ifejqu u jifdih.

Ħares b'dirgħajk lil ħajjitna:
bierek u qawwi kull xewqa tagħna għat-tajjeb; ġedded u saħħaħ il-fidi tagħna;
wieżen u ixgħel it-tama;
qajjem u kebbes fina l-imħabba;
dawwal lil kulħadd fil-mixja tal-qdusija.

Għallimna l-istess imħabba preferenzjali tiegħek
għaċ-ċkejknin u l-foqra,
għall-imwarrbin u l-batuti,
għall-midinba u dawk ta' qalbhom imbeżżgħa:
iġbor lil kulħadd taħt il-ħarsien tiegħek u qegħedna lkoll f'riġlejn l-Iben maħbub tiegħek, Sidna Ġesu'. Ammen.

Talba tal-Papa Franġisku - Att ta' Affidament lil Marija (13 ta' Ottubru 2013)

**76. Marija, ħarsilna l-fidi li ġabilna San Pawl**

Marija, int ġejt meħlusa mit-tebgħa tad-dnub tan-nisel, u ġismek ma rax it-taħsir fil-qabar; inti li għalkemm inti xebba bla mittiefsa, sirt il-kamra ta' ġmiel liema bħalu, għax minnek ħareġ Kristu, hu li kellu jkun il-veru dawl tad-dinja u l-għarus tal-Knisja; inti li bħala bint dan Ibnek ksibt glorja fuq glorja, u llum qed tiddi fuqna l-Insara bħala dawl ta' tama u ħarsien fil-fidi tagħna.

Nitlobuk, illum, aħna u niċċelebraw it-twelid tal-fidi f'pajjiżna:
idħol għalina quddiem Alla l-Missier, biex bħalma hu ħeles lil San Pawl minn tempesta qalila biex jasal fuq din gżiritna, hekk il-fidi tagħna tibqa' tiġi meħlusa minn kull qerq u ħażen, u mmexxija mill-Ispirtu qaddis, nagħrfu dejjem iżjed is-sinjali taż-żminijiet, biex dak Ġesu' li inti wlidt għad-dinja bl-iva tiegħek għall-kliem tal-Anġlu, jibqa' jitwieled ta' kuljum fina, f'pajjiżna u fid-dinja kollha.

**77. Talba ta' marid lil Marija**

Verġni Marija, int li sseħibt b'mod tal-għaġeb fil-misteru tat-tbatija, b'mod speċjali xħin rajt lil Ibnek l-waħdieni kkundannat għal mewt bla ħtija: iddi fuqna bħala sinjal ta' tama u saħħa mis-Sema, biex aħna, waqt li nkunu nħarsu lejk, nitgħallmu minnek kif qalbna tista' tkun marbuta mar-rieda ta' Alla u niskopru l-ferħ li Hu biss jaf jagħti fil-fond tal-qalb, anki waqt l-istess mumenti ta' tbatija.

Int li inti kollok xebħ ma' Kristu Ibnek li kien immexxi mill-Ispirtu s-Santu u li quddiem is-salib nissillu f'qalbu t-talba: "Missier jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int" (Mt 26:39):

għinni, o Omm smewwija, biex jien ukoll inħalli lill-ispirtu li jgħammar fija jtenni din l-istess talba ta' Ibnek jekk il-Missier jitlob minni li nġorr is-salib.

**78. Talba lill-Verġni Marija kontra il-Ħażin**

O Verġni Immakulata, minnek twieled Kristu Ġesu', dak li għaffeġ ras is-serpent tal-ħażen. Int kollok sabiħa, u l-ebda tebgħa ma hemm fik. Ieqaf magħna kontra kull qerq u ħażen.

Permezz tal-Magħmudija, aħna sirna wliedek u ġejna mnaddfa mid-dnub tan-nisel, qawwina fil-mixja tagħna bħala dixxipli ta' Ibnek l-għażiż. Ħallina nistkennu taħt il-mant tal-ħniena tiegħek, u hekk niġu mħarsa minn kull qerq tax-xitan.

Omm tagħna Marija, għinna nsiru nixbhu lilek: umli quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Nissel fina rieda qawwija fil-ġlieda tagħna kontra l-ispirti tal-impurita', is-suppervja, l-għira u l-mibgħeda...

Ħeġġiġna fit-talb, sabiex induqu l-ħniena ta' Ibnek fis-Sagrament tal-Maħfra u nitqawwew bl-Ewkaristija, l-Ikel tal-ħajja ta' dejjem, u hekk nikbru fil-maħfra u l-imħabba ta' xulxin.

Qaddejja ta' Alla, kattar fina l-fidi, sabiex b'fedelta' sħiħa nagħtu widen għall-Kelma Divina, u għinna ngħixu b'ferħ l-imħabba evanġelika, u hekk tissaħħaħ fina t-tama tal-glorja dejjiema.

Verġni Immakulata, kun magħna u itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

**79. Talba għall-qdusija tal-familja mill-Papa Franġisku**

Familja Mqaddsa ta' Nażaret, ibdel il-familji tagħna fi mkejjen ta' għaqda u ċenakli ta' talb, skejjel tassew tal-Evanġelju u knejjes żgħar tad-dar.

Familja Mqaddsa ta' Nażaret, jalla qatt aktar fil-familji ma jkun hemm esperjenzi ta' vjolenza, ta' għeluq u ta' firda: jalla kull min qatt kien imweġġa' jew skandalizzat, isib minnufih il-faraġ u l-fejqan.

Familja Mqaddsa ta' Nażaret, jalla s-Sinodu tal-isqfijiet li jmiss jagħraf irawwem mill-ġdid f'kulħadd l-għarfien tal-karattru qaddis u invjolabbli tal-familja, u l-ġmiel tagħha fil-pjan ta' Alla.

Ġesu', Marija u Ġużeppi, isimgħu t-talb tagħna u aqilgħuh.

**80. Marija, idħol għalina**

O Marija, meta inti nnutajt li l-miżżewġin f'Kana kienu mdejqa għax naqashom l-inbid – il-ferħ, l-imħabba, dak li jagħti t-tomgħa lill-ħajja – inti insistejt ma' Ġesu' biex jidħol għalihom: idħol għalina int ukoll illum, biex, fejn jonqos il-ferħ u l-imħabba, Ġesu' Ibnek jibdlilna l-ilma – l-isforz ċkejken tagħna – fi nbid mill-ifjen.

**81. Talba lil Marija għall-Isqfijiet tagħna**

Verġni Marija, Omm ta' Kristu Saċerdot, Inti tħobb b'mod speċjali lis-saċerdoti għax huma xbiha ħajja ta' Ibnek il-Waħdani, Int kont tal-akbar għajnuna lil Ġesu' tul ħajtek fuq din l-art u għadek tgħinu fis-Smewwiet: nitolbuk biex tieqaf Isqfijiet tagħna, agħtihom dak li għandhom bżonn fiż-żmien preżenti biex jgħarrfu jmexxuna u jqaddsuna. Nitolbuk tgħinhom biex ikomplu jfissrulna l-Vanġelu ta' Kristu, u jgħallmuna nsiru tabilħaqq ulied Alla.

**82. Nitolbu l-barka ta' Marija, Reġina tar-Rużarju ta' Pompei**

O Reġina, nitolbuk tfawwarna bl-imħabba tiegħek li ma tispiċċa qatt u b'mod speċjali bil-barka tiegħek ta' Omm. Bierek, o Marija f'dan il-mument, lill-Qdusija Tiegħu l-Papa. Mar-rebħiet kbar tar-Rużarju, agħti r-rebħa lir-Reliġjon Nisranija u l-paċi fis-soċjeta'. Bierek lill-isqfijiet tagħna u lis-saċerdoti kollha magħqudin magħhom. Bierek ukoll lil dawk kollha li jħeġġu d-devozzjoni lejn ir-Rużarju Mqaddes.

O Rużarju Mqaddes ta' Marija, katina ħelwa li tgħaqqadna ma' Alla, rabta ta' mħabba li tgħaqqadna mal-Anġli, torri ta' salvazzjoni minn kull ħażen u port żgur fit-taqlib tal-ħajja tagħna, aħna ma nitilqukx.

Inti illi tkun il-faraġ tagħna fl-aħħar ħinijiet ta' ħajjitna u għalik nerfgħu l-aħħar bewsa ta' mħabba tagħna. U l-aħħar ċaqliq ta' xofftejna jkun it-tifħir ta' ismek, o Reġina tar-Rużarju ta' Pompei. O Ommna kollok mħabba, o Omm tal-ħniena u faraġ tal-imnikktin, nibqgħu nfaħħruk għal dejjem. Ammen.

Sliem għalik Sultana...

**83. Talba lil Marija ta' Santa Tereża ta' Kalkutta**

Marija, agħtina l-Qalb tiegħek, hekk sabiħa, hekk safja, hekk Immakulata, il-Qalb tiegħek hekk mimlija bl-imħabba u bl-umilta' sabiex anke aħna nistgħu nirċievu u nwasslu 'l Ġesu' bħalma inti rċivejtu u wassaltu lill-oħrajn.

**84. Il-Misteri tar-Rużarju f'Poeżija (jitkantaw bl-Innu ta' Fatima)**

**Tal-Ferħ**

Imħabbra mill-Anġlu,
issir Omm, u Xebba,
mimlija bil-grazzja,
hi tibqa' bla mtebbgħa.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Lejn l-għolja tal-Ħebron,
hi tħaffef bil-ħrara,
biex lil qaribitha,
bi mħabba trodd żjara.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Ġo għar ċkejken f'Betlem,
lil Binha tadura,
fil-waqt illi tqiegħdu,
bil-ħlewwa f'maxtura.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Bil-hena tas-Sema,
timtela' Marija,
x'ħin toffri fit-tempju,
lil Binha tarbija.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

X'ħin tilfet lil Binha,
kemm bkiet bla ma turi;
b'ferħ kbir lilu sabet,
f'nofs ġemgħa dutturi.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

**Tad-Dawl**

L-Ispirtu jmur jinżel,
fuq Kristu l-Messija,
kif tgħammed minn Ġwanni,
Ġesu' bin Marija.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Mill-ilma ġo Kana,
inbid kollu benna,
mar juri l-Messija,
li ż-żmien wasal f'temma.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Lill-ġemgħa miġbura,
Ġesu' jmur iħabbar,
l-indiema u s-Saltna,
biex l-hena jkabbar.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Fuq l-għolja tat-Tabor,
jitbiddel bid-dija,
u miegħU jitkellmu,
Mose' u Elija.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Matul l-aħħar Ċena,
Ġesu' jmur jagħtina,
il-Ħobż li jgħajjixna,
biex biH Hu jifdina.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

**Tat-Tbatija**

Bil-għaraq tad-dinja,
Ġesu' fl-Ort jittallab,
għall-fidwa jitħejja,
fuq l-Għolja jissallab.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Is-swat mingħajr ħtija,
Ġesu' għoġbu jbati,
biex lilna midinba,
tagħlima jmur jagħti.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Tal-biki kien wiċċeK,
Ġesu' għażiż ħuna,
x'ħin f'rasek xeddewlek,
tax-xewk il-kuruna.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

O! Tiela l-Kalvarju,
il-Vittma Divina,
b'salib tqil mgħobbija,
biex fuqu tifdina.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Kemm niket Madonna,
sofrejt b'Qalb hekk kbira,
kif rajt l-Iben tiegħek,
fuq l-għuda jispira.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

**Tal-Glorja**

Ġesu' qam mill-qabar,
rebbieħ fuq l-għedewwa,
u 'l Ommu l-maħbuba,
mar sellem bil-ħlewwa.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

'Il fuq lejn Missieru,
fuq sħaba bajdana,
l-imgħallem intrafa',
biex juri t-triq tagħna.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Dlonk ġie Ruħ il-Qodos,
bid-doni sbieħ tiegħU,
u xeħet fl-appostli,
mill-qawwa ta' driegħU.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Sew wara li temmet,
ħajjietha l-Madonna,
fis ġiet imgħollija,
f'tas-Sema fil-ġonna.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Kuruna ta' kwiekeb,
fuq rasha tinġema',
kif Alla jaħtarha,
Sultana tas-Sema.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

## INNIJIET MARJANI

### 85. Innu Verġni mbierka

Verġni mbierka, Omm ta' Ġesu',
sa minn dejjem għażlek Hu;
fawwrek bil-grazzja u żejnek għalih:
lilek, Marija nagħtuk kull ġieħ.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Bl-aqwa mħabba lqajt il-Feddej,
għext qaddejja tal-Mulej.
Lil Gabrijel emmint minnufih:
lilek Marija, nagħtuk kull ġieħ.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

Int kenn ta' wliedek dgħajfin,
tama u faraġ tal-bnedmin;
f'Qalbek insibu l-ogħla mistrieħ:
lilek Marija, nagħtu kull ġieħ.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

F'din id-dinja mħawwda ta' llum,
erfa' qlubna lejk kuljum.
Dawl il-Mulej lill-bniedem agħtih:
lilek Marija, nagħtu kull ġieħ.
Ave, Ave, Ave Marija (x2)

### 86. Angelus (Lilek, Omm Alla)

Lilek, omm Alla b'għaxqa nsellmulek.
X'ħin tfiġġ il-għodwa, l-għanja ngħannulek.
Bil-ferħ, bil-hena, qlubna mogħnija:
    Ave Marija, Ave Marija.

X'ħin b'saħħa tiżreġ ix-xemx ħanina,
f'nofs il-jum sbejjaħ, biex ħajja ttina.
L-ilħna lejk nerfgħu, f'għanja smewwija:
    Ave Marija, Ave Marija.

X'ħin jgħib minn fuqna dad-dawl fiddieni,
u d-dalma taqa' tal-lejl sewdieni.
Lilek nsellmu, ja Omm qawwija:
Ave Marija, Ave Marija.

**87. Bħall-warda li tiftaħ**

Bħall-warda li tiftaħ,
fil-ħmura, fid-dinja;
il-ħlewwa ta' mħabbtek,
dewwaqna Marija.

U l-għana ninsġulek,
bil-ħlewwa flimkien,
u ismek fuq fommna,
fi ġmiel il-ħolqien.
Marija Marija.

Bħall-ġilju fil-bjuda,
bla tebgħa, Marija,
fis-safa, ġo ħdanek
Int żommna bla ħtija.
U l-għana...

Bħall-vjoli fil-weraq,
tul ħajtek moħbija:
int bħalek niċċekknu
għallimna, Marija.
U l-għana...

**88. F'dik ħarstek ħanina**

F'dik ħarstek ħanina,
f'dak ismek sabiħ,
int tiġbor Marija,
kull ħlewwa, kull ġieħ.

Hekk sbejħa, hekk safja,
b'kull ġmiel ta' virtu',
biex tkun tempju t'Alla,
ta' Ibnek Ġesu'.

Intfew quddiem ġmielek,
in-nisa twajbin,
li b'għerfhom u ġmielhom,
issaħħru l-bnedmin.
Hekk sbejħa....

Magħżula mis-sema,
bħal ġilju int ftaħt,
fil-bjuda, fis-safa;
u 'l artna fewwaħt.
Hekk sbejħa...

Imnissla bla tebgħa,
kif għoġbu l-Mulej;
kif jixraq, o Mbierka,
lil Omm il-Feddej.
Hekk sbejħa...

Bil-grazzja mimlija,
lil Ibnek nissilt;
għelibt lin-natura,
li stagħġbet b'dal-wild.
Hekk sbejħa...

Fik nisġa sabiħa,
ta' kobor, ta' ġmiel,
li minnha, Madonna,
biss nifhmu xi ħjiel.
Hekk sbejħa...

Imbierka sejjaħlek,
l-Arkanġlu mas-sliem,
imbierka l-ġnus kollha,
jsejħulek sat-tmiem.
Hekk sbejħa...

**89. Talba tal-midneb**

Ħallini llum ħelwa Marija,
nersaq f'riġlejk sabiex nitolbok,
titlob għalija lil Ġesù Ibnek,
għax jien naf żgur li jisma' minnek.

Rit: Jien naf ukoll li inti tħobbni,
għax għażlek Hu sabiex tkun ommi.
Għalhekk bil-qalb ser intennilek: Ave Maria.

Kull fejn ħarsti ddur, lilek nilmaħ żgur,
fuq l-art u s-smewwiet jidwu l-innijiet.
Biex nuruk il-ferħ kbir, li bih il-qalb tkun trid ittir.
Infaħħruk, inqimuk, bħala sultana. Rit:

**90. Fis-santwarju tal-Madonna**

Hawn quddiemek Madonna mixħut,
għax inħossni hekk mifni u batut.
Jiena ġrejt u staqsejt, fejn insib ftit mistrieħ,
u bagħtuni f'riġlejk minnufih.

Rit: U qaluli, Madonna, li ssebbaħ il-ġonna,
u għaliex inti ommna, taħt ħarstek iżżommna,
u aħna minn qalbna, Madonna nfaħħruk.
U qaluli, Madonna, li ssebbaħ il-ġonna,
u għaliex inti ommna, taħt ħarstek iżżommna,
u aħna, Madonna, bħal ommna nżommuk.

Barra l-ġemgħa titniehed mar-riħ,
fejn tiġġerra fid-dlam u fil-ksieħ.
Għalhekk ġejt għax staqsejt, fejn insib ftit tal-kenn,
u qaluli li inti taf tħenn. Rit:

Xtaqt li miegħi jien ġibtlek ftit ward,
minflok ġibtlek għollieq, xewk u mard.
Għalhekk ġejt għax staqsejt, min jibdilli l-għollieq,
u wegħduni li għandek infiq. Rit:

**91. Ġejt quddiemek nitlob (As I kneel before you)**

Ġejt quddiemek nitlob, b'qalbi kollha tama fik,
f'dan il-jum, tant sabiħ, imħabbti rrid nagħtik.

Rit: Ave Maria, Gratia plena.
Dominus tecum, Benedicta tu.

Ħarstek kollha ħlewwa, titfa' fuqi d-dawl ħanin.
Omm ta' Ġesù, ħu ħsiebi int, kun ommi tul is-snin. Rit:

Bħalek ħajti noffri, kulma għandi, kull ma jien.
Għallimni int, naqdi bil-ferħ, lil Kristu kullimkien. Rit:

**92. Infaħħru lil Marija**

Infaħħru lil Marija, l-omm t'Alla u tal-bnedmin,
ngħannulha l-isbaħ għanja, bil-ferħ ta' qlub safjin.

Rit: Marija omm ħanina, minn qalbna nitolbuk,
għallimna dejjem iżjed, ta' wliedek inħobbuk.

Int l-isbaħ fost il-ġilji, li jgħammru fil-widien,
il-ġmiel tal-bjuda tiegħek, hu l-għaxqa ta' kull żmien. Rit:

Il-vjola l-iżjed ħelwa, li tfewwaħ ħdejn is-sies,
hi xbieha l-iżjed ċkejkna, ta' rżintek mingħajr qies. Rit:

M'hemmx warda ġewwa l-ġonna, m'hemmx kewkba fis-smewwiet,
li ġmielhom int ma tisboq, ja omm tal-imħabbiet. Rit:

Int tgħaġġeb bi qdusitek, kemm anġli u qaddisin,
Sultana isellmulek, bi ġmielek imgħaxxqin. Rit:

**93. Lil Marija Reġina**

O Marija l-iżjed ħelwa, art u sema ifaħħruk.
Ġieħ u qima ta' Reġina, bl-akbar ferħ it-tnejn jagħtuk.

Rit: B'dik l-imħabba li int biha, l-itjeb, l-oħla, l-eqdes Omm,
O Reġina, il-mant tiegħek, fuqna dejjem dejjem żomm.

O Reġina, liema ħliqa, liema qalb ma tifraħx bik,
ma tixtieqx li d-dinja kollha, bl-akbar qima ġieħ tagħtik? Rit:

It-tron tiegħek, o Reġina, magħruf sewwa minn kulħadd,
jiddi dejjem bl-isbaħ dija, bħal ta' xemx li ma tgħib qatt. Rit:

Jafuh sewwa u bih jiftaħru, dawk uliedek l-imsejknin,
li lejh jersqu b'toqol f'qalbhom, jerġgħu lura wisq henjin. Rit:

**94. Fil-ħlewwa ta' Mejju**

Fil-ħlewwa ta' Mejju, Omm tagħna Marija,
O kemm idoqq ħlejju, dak ismek sabiħ.
Kemm toħroġ qawwija, dil-kelma minn qalbna,
bit-tama li talbna, jagħtik l-akbar ġieħ.

Rit: Int l-għaxqa tas-sema, ix-xemx tal-ħolqien.
Int l-omm ta' min ħalqek. Bik mimli kull żmien.

Jekk tiftaħ fil-ġonna, il-warda Maltija,
tfakkarna, O Madonna, fil-lewn ta' ħaddejk.
Jekk tidħaq id-dija, tal-kwiekeb irżina,
tfakkarna, O Ħanina, fil-ħarsa t'għajnejk. Rit:

Minn dejjem bint Alla, nadifa mill-ħtija.
Infrixt bħal qawsalla, fuq ras il-bnedmin.
Int ftaħt, O Marija, l-għejjun ta' kull ħniena,
fuq l-aħwa ħosbiena, fuq l-aħwa ħatjin. Rit:

Għalhekk, ja Sultana, tal-ħlewwa Marija,
int biss tama tagħna, int qawwa tar-ruħ.
Bil-grazzja mimlija, kull waqt insellmulek,
bil-ħrara ngħajtulek, fis-siegħa tad-dmugħ. Rit:

**95. Ismagħha l-Għanja**

Ismagħha l-għanja, Sidtna Marija,
il-għanja ħelwa tagħna l-Maltin.
L-għanja li ntisġet min-nies għaqlija,
u nstemgħet tidwi f'eluf ta' snin:

Rit: Għażiża ommna, Sidtna Marija,
bis-sliem hennina t'Ibnek Ġesù.

F'kull naħa mwarrba tal-gżira tagħna,
hemm l-isem tiegħek, fil-blat miktub.
Tidħaq xbihetek, fil-knejjes kollha,
fejn tqimek dejjem, l-għanja tal-qlub. Rit:

L-għanja titolbok, Sidtna Marija,
li inti tibqa', magħna f'kull żmien.
Għalhekk int amar, Ommna Marija,
li l-għanja tiegħek, ma tmut imkien. Rit:

**96. Ħares xi qtajja**

Ħares xi qtajja', mara sabiħa, lilek inqimu, kollha ferrieħa!
Jien f'riġlejk magħhom, b'ferħ kbir ġo fija, O Verġni Mqaddsa, itlob għalija!

Kenn għall-midinba, qalbek ħanina, o Xebba Mbierka, kemm tħoss għalina!
B'faraġ u grazzji, qalbek mimlija, O Verġni Mqaddsa, Itlob għalija!

F'dal-wied tan-niket, tad-dnub, tad-dwejjaq, ir-ruħ u l-ġisem, tfarraġ u tfejjaq.
Lejk kulħadd jersaq, Ħelwa Marija, O Verġni Mqaddsa, Itlob għalija!

Nebħ il-baħħara, kewkba mixtieqa, Għam it-triq tajba, fuq l-ibħra għammieqa
Wassalni Inti, f'post it-Tgawdija, O Verġni Mqaddsa, Itlob għalija!

Il-ħarsa tiegħek, inħossha benna, sbejħa Sultana, għaxqa tal-ġenna,
xejn oħra minnek, kollox tjubija, O Verġni Mqaddsa, Itlob għalija!

Ħniena minn ruħi, Omm ħelwa tiegħi, kunli għajnuna, u ieqaf miegħi,
l-aktar fis-siegħa, tal-agunija. O Verġni Mqaddsa, Itlob għalija!

**97. Madonna Sbejħa tagħna**

Madonna sbejħa tagħna,
int bħalna l-ommijiet,
Int taħsel, tħijt, issajjar,
u ġġorr sa l-ilmijiet.

U tiknes kollok ħlewwa,
il-kamra tal-Bambin,
fejn jinżlu ħdejh fin-nieqa,
qtajjiet t'anġli ċkejknin.

Iżżomm il-ħwejjeġ nodfa,
ta' San Ġużepp ħaddiem.
Il-qima lejh tinqara,
ġo ħarstek tfur bis-sliem.

Madonna sbejħa tagħna,
fi qlubna ġib in-nar,
ta' mħabbtek kollha ħeġġa,
ħudilna ħsieb id-dar.

**98. Minn qalbna nħobbuk**

Minn qalbna nħobbuk, kull qima nagħtuk,
kun int il-kewkba li tfarraġ il-qlub.
Fuq dal-mewġ qalil, ninsabu mħabbtin,
fid-dlam mitluqa mingħajr ħarsien.
Omm ta' Ġesu', Kewkba tas-sliem,
itlob għal dawn l-ulied imnikktin.

Sultana tal-qlub, meħlusa mid-dnub,
is-safa tiegħek fik ma ntilfet qatt.
Ħu talbna ħerqan għand Ibnek setgħan,
li b'Demmu ħelisna mit-telfien.
Omm ta' Ġesu', ...

**99. Oh! Kemm nixtieq narha**

Oh! kemm nixtieq naraha, l-omm ħelwa tiegħi Marija,
li tgħaxxaq bis-sbuħija, lill-anġli, ' l-qaddisin.

> Hemm fuq maġenb Ġesu', fil-glorja tas-smewwiet.
> Hemm fuq fuq tron tad-deheb, li jiddi bil-barkiet.

Oh! kemm nixtieq naraha, dan hu t-tnehid ta' qalbi,
l-ilfiq li jħeġġeġ talbi, bil-lejl, bi nhar, kull ħin.  Hemm...

Oh! kemm nixtieq naraha, din l-itjeb Omm li jiena,
bla qjies inħobb għall-ħniena, li tħoss għall-midinbin. Hemm ...

Oh! kemm nixtieq naraha, biex bl-akbar ferħ ngħannilha,
u l-eqdes ġieħ noffrilha, fil-ġenna tal-henjin. Hemm...

Oh! kemm nixtieq naraha, fil-għaqda magħha, għalija,
il-mewt hi għerusija, tbissima tas-safjin. Hemm...

**100. Reġina tas-Smewwiet**

Int tas-sema w l-art sultana, O Marija!
Fik it-tama kollha tagħna, O Marija!

Rit: Kerubini, bl-akbar ġieħ, serafini bla mistrieħ,
tennu l-kelma tal-ħabbar:
Sliem għalik, sliem għalik, sliem għalik, Marija.

Int l-għaxqa tal-kbir Alla, O Marija!
Kollha l-grazzji f'idejk ħalla, O Marija! Rit:

Int l-Omm tal-akbar ħniena, O Marija!
Bl-oħla faraġ fl-hemm timliena, O Marija! Rit:

Int ta' ruħna d-dawl u s-saħħa, O Marija!
L-aqwa serħ u ħlewwa tagħha, O Marija! Rit:

B'ferħ tas-sema ruħna fawwar, O Marija!
Meta ħarstek lejna ddawwar, O Marija! Rit:

Bħala Ommna ieqaf magħna, O Marija!
Isma' t-talba mħeġġa tagħna, O Marija! Rit:

Tħallix l-għadu fuqna jirbaħ, O Marija!
Sabiex qalbna dejjem tifraħ, O Marija! Rit:

Nar l-imħabba kebbes fina, O Marija!
Ta' Ġesu' li miet għalina, O Marija! Rit:

Żommna dejjem ulied tiegħek, O Marija!
Ħudna l-ġenna ngawdu miegħek, O Marija! Rit: